2025/2437

10.12.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/2437

tal-20 ta' Novembru 2025

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-20 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES CoP20) (Samarkand, Użbekistan, 24 ta' Novembru – 5 ta' Diċembru 2025)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) ([1]) li l-Unjoni aderiet magħha permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/451 ([2]) daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1975.

(2) Skont l-Artikolu XI(3) tas-CITES, il-Konferenza tal-Partijiet tista', fost oħrajn, tadotta deċiżjonijiet biex temenda l-Appendiċijiet tas-CITES.

(3) Il-Konferenza tal-Partijiet, matul l-20 laqgħa tagħha mill-24 ta' Novembru sal-5 ta' Diċembru 2025 (CITES CoP20), għandha tadotta deċiżjonijiet dwar 51 proposta biex jiġu emendati l-Appendiċijiet tas-CITES, kif ukoll bosta kwistjonijiet oħra relatati mal-implimentazzjoni u l-interpretazzjoni tas-CITES.

(4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-CITES CoP20, peress li l-emendi tal-Appendiċijiet tas-CITES ser ikunu vinkolanti għall-Unjoni u diversi deċiżjonijiet oħra, bħal modifiki għal riżoluzzjonijiet li għandhom jiġu inkorporati fid-dritt tal-Unjoni, ser ikunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 ([3]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 792/2012 ([4]).

(5) Il-pożizzjoni proposta tal-Unjoni li għandha tittieħed dwar il-proposti differenti qabel is-CITES CoP20 hija msejsa fuq l-analiżi esperta tal-merti tagħhom, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tas-CITES, fid-dawl tal-aħjar evidenza xjentifika disponibbli, kif ukoll tal-konsistenza tagħhom mar-regoli u l-politiki rilevanti tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-20 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES CoP20) hija stabbilita fl-Annessi ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (ĠU L 75, 19.3.2015, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/convention/2015/451/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/451 tas-6 ta' Marzu 2015 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) (ĠU L 75, 19.3.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/451/oj).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 tal-4 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 166, 19.6.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/865/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 792/2012 tat-23 ta' Awwissu 2012 li jistipula regoli għat-tfassil ta' permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn ipprovduti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 (ĠU L 242, 7.9.2012, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2012/792/oj).

Artikolu 2

Meta l-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 x'aktarx ser tkun affettwata minn informazzjoni xjentifika jew teknika ġdida ppreżentata wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u qabel jew matul is-CITES CoP20, jew meta jsiru proposti riveduti jew ġodda f'dik il-laqgħa li dwarhom l-Unjoni ma jkunx għad għandha pożizzjoni dwarhom, il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi żviluppata permezz ta' koordinazzjoni fuq il-post qabel ma s-CITES CoP20 tintalab tiddeċiedi dwar dawk il-proposti. F'każijiet bħal dawn, il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tkun konsistenti mal-prinċipji stabbiliti fl-Annessi ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Novembru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS

ANNESS 1

Pożizzjoni tal-Unjoni dwar kwistjonijiet ewlenin għad-diskussjoni fl-20 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES CoP20) (Samarkand, Użbekistan, 24 ta' Novembru – 5 ta' Diċembru 2025)

A. **Kunsiderazzjonijiet ġenerali**

1. L-Unjoni tqis il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) bħala konvenzjoni internazzjonali ewlenija għall-konservazzjoni tal-bijodiversità u kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi.

2. L-Unjoni għandha tadotta pożizzjoni ambizzjuża għall-20 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għas-CITES (CITES CoP20), f'konformità mal-politiki rilevanti tal-Unjoni u mal-impenji internazzjonali, b'mod partikolari l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal adottat mill-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, il-Viżjoni Strateġika tas-CITES u r-Riżoluzzjoni 79/313 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar il-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' organiżmi selvaġġi. Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha sservi wkoll biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fil-livell tal-UE permezz tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, il-pjan ta' azzjoni rivedut tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi ([1]), l-approċċ tal-Unjoni għall-promozzjoni tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, u l-Patt Ekoloġiku Ewropew.

3. Il-prijoritajiet għall-Unjoni fis-CITES CoP20 għandhom ikunu:

— ir-regolamentazzjoni tal-kummerċ internazzjonali ta' speċijiet ta' annimali u pjanti fil-periklu li huma soġġetti għal livelli ta' kummerċ mhux sostenibbli, b'approċċ ibbażat fuq ix-xjenza, u

— it-tisħiħ tar-rispons mill-komunità internazzjonali għat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi.

4. Fis-CITES CoP20, l-Unjoni għandha tiżgura li l-istatus u d-drittijiet tal-Unjoni bħala Parti għas-CITES jibqgħu rispettati bis-sħiħ f'konformità mad-dispożizzjonijiet tagħha.

5. Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tqis li l-mekkaniżmi tas-CITES jistgħu jikkontribwixxu biex jittejjeb l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet u tirrikonoxxi l-ħidma ta' dawk il-pajjiżi li implimentaw miżuri ta' konservazzjoni effettivi.

6. L-għadd ta' listi u l-kumplessità tal-proċeduri tas-CITES biex jimplimentawhom żdiedu b'mod sostanzjali. L-Unjoni għandha tiżgura li d-deċiżjonijiet meħuda fis-CITES CoP20 jiffokaw fuq il-kwistjonijiet ewlenin tas-CITES. L-Unjoni għandha tiżgura wkoll li d-deċiżjonijiet meħuda jimmassimizzaw l-effiċjenza tas-CITES, billi jimminimizzaw kwalunkwe piż amministrattiv żejjed u billi jiksbu soluzzjonijiet prattiċi, kosteffettivi u fattibbli għall-kwistjonijiet ta' implimentazzjoni, ta' infurzar u ta' monitoraġġ.

7. Ħafna deċiżjonijiet adottati fis-CITES CoP20 ser jiġu implimentati mill-Kumitat Permanenti tas-CITES, li huwa l-korp sussidjarju ewlieni tal-CoP. Il-pożizzjoni tal-Unjoni għas-CITES CoP20 għandha għalhekk tiggwida wkoll l-approċċ tal-Unjoni fid-79 u fit-80 laqgħa tal-Kumitat Permanenti, li ser isiru eżatt qabel u wara s-CITES CoP20.

B. **Kwistjonijiet speċifiċi**

8. Fis-CITES CoP20 tressqu għall-kunsiderazzjoni wieħed u ħamsin proposta biex jiġu emendati l-Appendiċijiet tas-CITES. Tmienja minn dawk il-proposti tressqu mill-Unjoni bħala l-proponent ewlieni jew bħala koproponent, u naturalment l-adozzjoni tagħhom għandha tkun appoġġata wkoll mill-Unjoni.

([1]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Reviżjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi (COM(2022) 581).

9. Il-pożizzjoni tal-Unjoni dwar il-proposti kollha għall-emendar tal-Appendiċijiet tas-CITES għandha tkun ibbażata fuq l-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet ikkonċernati u fuq l-impatt li l-kummerċ għandu jew jista' jkollu fuq l-istatus ta' dawk l-ispeċijiet. Għal dan l-għan, għandha titqies l-evidenza xjentifika l-aktar rilevanti u robusta f'konformità mar-Riżoluzzjoni Conf. 9.24 dwar il-kriterji għall-emendar tal-Appendiċijiet I u II tas-CITES.

10. Il-fehmiet tal-istati taż-żoni tad-distribuzzjoni tal-ispeċijiet ikkonċernati mill-proposti għandhom jingħataw attenzjoni partikolari. Fost l-oħrajn, dawn huma l-mezz primarju biex jitwasslu l-kontributi ta' dawk li jgħixu f'rabta mill-qrib mal-organiżmi selvaġġi, li l-għarfien, il-ġestjoni u l-azzjonijiet tagħhom fil-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità huma importanti għall-implimentazzjoni effettiva tas-CITES u għall-kisba tal-objettivi tagħha.

11. L-Unjoni tqis li, bħala regola ġenerali, għandu jingħata appoġġ lill-proposti biex jiġu emendati l-Appendiċijiet tas-CITES li jitressqu mill-Kumitati dwar l-Annimali u l-Pjanti u mill-Kumitat Permanenti tas-CITES. Għandhom jitqiesu wkoll il-valutazzjoni tal-proposti mis-Segretarjat tas-CITES u mill-IUCN/TRAFFIC ([2]) u, għall-ispeċijiet tal-baħar sfruttati kummerċjalment, mit-tmien Panel Konsultattiv ta' Esperti ddedikat tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO).

12. Fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1314 ([3]), l-Unjoni tisħaq favur l-inklużjoni ta':

— *Pelophylax epeiroticus*, *Pelophylax shqipericus*, *Pelophylax ridibundus* u *Pelophylax lessonae* (żrinġijiet tal-ilma) fl-Appendiċi II tas-CITES (Appendiċi II) (b'dewmien ta' 18-il xahar tad-dħul fis-seħħ);

— *Anguilla* spp. (sallur tal-ilma ħelu) fl-Appendiċi II (b'dewmien ta' 18-il xahar tad-dħul fis-seħħ);

— *Centrophoridae* (żagħrun) fl-Appendiċi II;

— *Holothuria lessoni* (bużżu tar-ramel) fl-Appendiċi II;

— *Actinopyga echinites*, *Actinopyga lecanora*, *Actinopyga mauritiana*, *Actinopyga miliaris*, *Actinopyga palauensis* u *Actinopyga varians* (bużżi) fl-Appendiċi II; u

— *Commiphora wightii* (bdellium Indjan) fl-Appendiċi II.

L-Unjoni ddeċidiet ukoll li ser tkun kosponser u ser tippromwovi l-proposta mill-Panama biex l-entrata għal *Carcharhinus longimanus* (kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku) tiġi ttrasferita mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I tas-CITES, u l-proposta mill-Brażil biex *Galeorhinus galeus* (kelb il-baħar) u *Mustelus* spp. (mazzola bla xewka) jiġu elenkati fl-Appendiċi II.

13. Fir-rigward ta' *Anguilla* spp. (sallura tal-ilma ħelu), il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tkun li tappoġġa l-adozzjoni tal-aktar miżuri b'saħħithom possibbli mmirati lejn is-salvagwardja ta' *Anguilla anguilla* (sallura) u speċijiet oħra tal-ġeneru *Anguilla* minn tnaqqis ulterjuri minħabba kummerċ mhux sostenibbli kif ukoll kummerċ illegali, filwaqt li jitqiesu l-komplementarjetajiet u s-sinerġiji bejn il-miżuri u d-deċiżjonijiet differenti li qed jiġu kkunsidrati mill-Konferenza tal-Partijiet.

14. Il-pożizzjoni tal-Unjoni dwar proposti relatati mat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi għandha tirrifletti l-approċċ komprensiv tal-Unjoni għall-prevenzjoni tat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi billi tindirizza l-kawżi ewlenin tiegħu, issaħħaħ l-oqfsa legali u ta' politika biex tindirizza t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi, tinforza r-regoli eżistenti b'mod effettiv, u trawwem sħubijiet globali biex jiġi indirizzat it-traffikar ta' organiżmi selvaġġi, kif deskritt fil-pjan ta' azzjoni rivedut tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi.

15. L-Unjoni għandha tinkoraġġixxi wkoll inizjattivi li jgħinu biex jiżdiedu l-kapaċitajiet tal-awtoritajiet rilevanti u jikkondividu l-informazzjoni u l-aħjar prattiki, sabiex is-CITES tiġi implimentata aħjar u tittejjeb il-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni.

([2]) L-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura (IUCN) u TRAFFIC jispeċjalizzaw fi kwistjonijiet dwar il-kummerċ tal-organiżmi selvaġġi u jipprovdu valutazzjoni bir-reqqa tal-proposti għall-emendar tal-Appendiċijiet tas-CITES qabel kull CoP.

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1314 tat-23 ta' Ġunju 2025 dwar is-sottomissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposti għall-emendi għall-appendiċijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) u dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fl-20 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet ta' dik il-Konvenzjoni (ĠU L, 2025/1314, 30.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1314/oj).

16. L-Unjoni tinnota li l-Partijiet ressqu diversi proposti b'rabta mal-kummerċ internazzjonali fl-avorju tal-iljunfanti u l-qarn tar-rinoċeronti. L-Unjoni tqis li l-kundizzjonijiet biex dan il-kummerċ jerġa' jiġi awtorizzat mhumiex issodisfati u ma tappoġġax il-proposti għas-CoP20 biex dan il-kummerċ jerġa' jinfetaħ. Fir-rigward tas-swieq domestiċi tal-avorju tal-iljunfanti u tal-qrun tar-rinoċeronti, l-Unjoni għandha tkompli tappoġġa miżuri proporzjonati u effettivi bbażati fuq l-aqwa evidenza disponibbli, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tas-CITES.

17. L-Unjoni tinnota li l-espansjoni tas-CITES, bl-emendi tal-Appendiċijiet u l-inklużjoni ta' speċijiet addizzjonali jew bl-emendi fl-istatus tal-elenkar tagħhom, żiedet b'mod sinifikanti l-volum u l-kumplessità tal-attivitajiet skont is-CITES, u dan wassal għal domanda dejjem akbar fuq is-Segretarjat, il-kumitati u l-Partijiet tas-CITES. Fl-istess ħin, il-finanzjament ma żammx il-pass ma' din iż-żieda fl-ammont ta' xogħol. Dawn l-iżviluppi għandhom jitqiesu kif xieraq mill-Unjoni meta tiddetermina l-prijoritajiet tagħha għas-CITES CoP20 u fid-diskussjonijiet dwar il-bażit futur tas-Segretarjat tas-CITES.

ANNESS 2

Pożizzjoni tal-Unjoni dwar ċerti proposti sottomessi fl-20 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES)

(Samarkand, l-Użbekistan, 24 ta' Novembru – 5 ta' Diċembru 2025)

"+"	jindika appoġġ
"—"	jindika l-ebda appoġġ
"0"	jindika pożizzjoni miftuħa minħabba nuqqas ta' informazzjoni suffiċjenti biex tiġi stabbilita pożizzjoni
"(+)"	jindika appoġġ kundizzjonali fuq id-disponibbiltà ta' informazzjoni ulterjuri u/jew emendi tal-proposta
"(-)"	jindika l-ebda appoġġ, li għandu jitqies mill-ġdid jekk tiġi pprovduta evidenza ta' sostenn ulterjuri u/jew jekk il-proposta tiġi emendata b'mod sinifikanti

1. **DOKUMENTI TA' ĦIDMA**

Nru	Punt fl-aġenda	Proponent ([1])	Kummenti	Pożizzjoni
Ċerimonja tal-ftuħ			*L-ebda dokument*	
Diskorsi ta' merħba			*L-ebda dokument*	
Kwistjonijiet amministrattivi u finanzjarji				
1.	**Elezzjoni** tal-President u tal-Viċi President tal-laqgħa u tal-Presidenti tal-Kumitati I u II		*L-ebda dokument*	
2.	Adozzjoni tal-**aġenda** CoP20 Dok. 2	Seg.		
3.	Adozzjoni tal-**programm ta' ħidma**			
4.	**Regoli ta' Proċedura tal-Konferenza tal-Partijiet**		Appoġġa l-emendi għar-Regola 25.6 u l-abbozz ta' deċiżjoni biex titkompla d-diskussjoni tal-approċċ gradwali.	+
5.	Il-Kumitat għall-Verifika tal-**Kredenzjali**			
	5.1 L-istabbiliment tal-Kumitat għall-Verifika tal-Kredenzjali		*L-ebda dokument*	
	5.2 Rapport tal-Kumitat għall-Verifika tal-Kredenzjali		*L-ebda dokument*	
6.	Ammissjoni tal-**osservaturi**			
7.	**Amministrazzjoni, finanzi u bażit** tas-Segretarjat u tal-laqgħat tal-Konferenza tal-Partijiet			
	7.1 Amministrazzjoni tas-Segretarjat	Seg.		

Nru	Punt fl-aġenda		Proponent [1]	Kummenti	Pożizzjoni
	7.2	Rapport tad-Direttur Eżekuttiv tal-UNEP dwar kwistjonijiet amministrattivi u oħrajn	UNEP		
	7.3	Rapporti finanzjarji għall-2023-2025			
	7.4	Baġit u programm ta' ħidma għall-2026 sal-2028			
	7.5	Arranġamenti għal-laqgħat tal-Konferenza tal-Partijiet			
8.	Termini ta' referenza tas-Sottokumitat għall-Finanzi u l-Baġit CoP20 Dok. 8		SC		
9.	Kwistjonijiet operattivi emerġenti tal-Kumitati CoP20 Dok. 9		SC	Appoġġa l-emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 18.2 u t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 19.1 sa 19.3. Appoġġa l-emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 18.2 u t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 19.1 sa 19.3. Kwalunkwe bidla ulterjuri għall-proposta li tinvolvi impatt sinifikanti fuq ir-riżorsi tas-Segretarjat ma għandhiex tiġi appoġġata.	(+)
10.	Aċċess għall-finanzjament				
11.	Proġett ta' delegati sponsorizzat CoP20 Dok. 11		Seg. f'konsultazzjoni mal-SC	Appoġġa l-emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 17.3 (Rev. CoP19) u t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 18.12 u 19.10.	+
Kwistjonijiet strateġiċi					
12.	Rapporti u rakkomandazzjonijiet tal-**Kumitat**				
	12.1	Il-Kumitat ***Permanenti***			

Nru	Punt fl-aġenda			Proponent [1]	Kummenti	Pożizzjoni
		12.1.1	Rapport tal-President CoP20 Dok. 12.1.1	SC	*Ma hi meħtieġa l-ebda deċiżjoni*	
		12.1.2	Elezzjoni ta' membri reġjonali ġodda u ta' membri reġjonali sostituti		*L-ebda dokument*	
	12.2	Il-Kumitat dwar l-***Annimali***				
		12.2.1	Rapport tal-President CoP20 Dok. 12.2.1	AC	Innota r-rapport u appoġġa r-rakkomandazzjonijiet.	+
		12.2.2	Elezzjoni ta' membri reġjonali ġodda u ta' membri reġjonali sostituti		*L-ebda dokument*	
	12.3	Il-Kumitat dwar il-***Pjanti***				
		12.3.1	Rapport tal-President CoP20 Dok. 12.3.1	PC	*Ma hi meħtieġa l-ebda deċiżjoni*	
		12.3.2	Elezzjoni ta' membri reġjonali ġodda u ta' membri reġjonali sostituti		*L-ebda dokument*	
13.	**Viżjoni Strateġika** tas-CITES CoP20 Dok. 13			SC	Appoġġa l-emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 16.4 u 18.3 u t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 19.11-19.13. Itlob li d-Deċiżjoni 19.14 tiġi estiża sabiex jiġi identifikat indikatur addizzjonali aktar sinifikattiv. Żid referenzi konsistenti għall-ftehim BBNJ.	(+)
14.	It-tisħiħ tal-ħidma u l-effiċjenza tal-Konvenzjoni permezz tal-kumitati permanenti CoP20 Dok. 14			SC, AC, PC	Appoġġa l-istabbiliment ta' grupp ta' ħidma intersessjonali biex jipprijoritizza l-ħidma tal-kumitati.	+

Nru	Punt fl-aġenda		Proponent [1]	Kummenti	Pożizzjoni
15.	Ir-rwol tas-CITES fit-tnaqqis tar-riskju li jfeġġ mard żoonotiku fil-futur assoċjat mal-kummerċ internazzjonali ta' organiżmi selvaġġi				
	15.1	Rapport tal-Kumitat Permanenti CoP 20 Dok. 15.1	SC	Appoġġa l-abbozzi ta' deċiżjonijiet filwaqt li tissuġġerixxi xi modifiki tad-Deċiżjoni 20.BB biex tittaffa l-ħidma tal-AC.	(+)
	15.2	Saħħa Waħda u CITES: It-tnaqqis tar-riskji għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali assoċjati mal-kummerċ fl-ispeċijiet elenkati fis-CITES CoP 20 Dok. 15.2	Is-Senegal	Tappoġġax l-abbozz ta' riżoluzzjoni, li jmur lil hinn mill-mandat tas-CITES.	—
16.	**Kooperazzjoni**				
	16.1	Kooperazzjoni ma' Ftehimiet Ambjentali Multilaterali u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra CoP20 Dok. 16.1	SC	Appoġġa l-emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 16.4 u abbozzi ta' deċiżjonijiet. Madankollu, issuġġerixxi premessa ġdida li tirreferi għall-ftehim BBNJ.	(+)
	16.2	Kooperazzjoni mal-Istrateġija Globali għall-Konservazzjoni tal-Pjanti CoP20 Dok. 16.2	SC	Appoġġa l-emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 16.5 u t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 19.22 u 19.23.	+
	16.3	Inizjattiva Konġunta dwar il-Karnivori tal-Afrika tas-CITES u s-CMS CoP20 Dok. 16.3	AC f'konsultazzjoni mal-SC	Appoġġa l-emendi għad-deċiżjonijiet riveduti u l-adozzjoni ta' abbozz ta' deċiżjonijiet.	+
	16.4	Konsorzju Internazzjonali dwar il-Ġlieda Kontra l-Kriminalità fil-Ħajja Selvaġġa CoP20 Dok. 16.4	Seg.	Appoġġa l-adozzjoni tal-abbozz ta' Deċiżjoni 20.AA u t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 19.26 u 19.27.	+
	16.5	Kooperazzjoni mal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi CoP20 Dok. 16.5	SC	Appoġġa l-abbozz ta' deċiżjonijiet u t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 19.28 u 19.29.	+

Nru	Punt fl-aġenda	Proponent [1]	Kummenti	Pożizzjoni
17.	**Rapport dwar il-Kummerċ Dinji fil-Fawna u Flora Selvaġġa** CoP20 Dok. 17	SC	Appoġġa l-abbozzi ta' deċiżjonijiet filwaqt li tissuġġerixxi xi bidliet żgħar għaċ-ċarezza. Barra minn hekk, issuġġerixxi deċiżjoni ġdida li tappella lill-Partijiet biex jipprovdu feedback dwar id-deskrizzjoni ġenerali tar-Rapport ta' Ħarsa Ġenerali. Appoġġa t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 19.30 u 19.31.	(+)
18.	**CITES u l-foresti** CoP20 Dok. 18	Seg. f'konsultazzjoni mal-SC	Appoġġa l-abbozzi ta' deċiżjonijiet jekk jiġu emendati biex jagħmlu l-miżuri futuri kundizzjonali fuq ir-rieżami tar-rapport mill-Kumitat tal-Pjanti.	(+)
19.	**Strateġija lingwistika għall-Konvenzjoni** CoP20 Dok. 19	SC	Appoġġa t-triq 'il quddiem proposta u l-emendi tad-Deċiżjonijiet 19.38 u 19.39.	+
Tisħiħ tal-kapaċitajiet				
20.	**Qafas tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet** CoP20 Dok. 20	SC	Appoġġa l-emendi tad-deċiżjonijiet.	+
21.	**Programm ta' Assistenza dwar il-Konformità** CoP20 Dok. 21	SC	Appoġġa l-abbozzi ta' deċiżjonijiet u t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 19.44 sa 19.46.	+
22.	**Rieżami tal-Kummerċ ta' Livell Sinifikanti madwar il-Pajjiż Kollu** CoP20 Dok. 22	SC	Appoġġa l-abbozz ta' deċiżjonijiet u t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 19.47 u 19.48.	+
23.	**Programm tal-Ispeċijiet ta' Siġar tas-CITES** CoP20 Dok. 23	Seg.	Appoġġa d-deċiżjoni u t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 19.49 u 19.50.	+
CITES u n-nies				
24.	**Jum Dinji tal-Ispeċijiet Selvaġġi tan-Nazzjonijiet Uniti** CoP20 Dok. 24	Seg.	*Ma hi meħtieġa l-ebda deċiżjoni*	

Nru	Punt fl-aġenda	Proponent [1]	Kummenti	Pożizzjoni
25.	**Pjan ta' azzjoni tas-CITES dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi** CoP20 Dok. 25	SC	Ir-rikonoxximent tar-rwoli relatati mal-ġeneru fil-konservazzjoni tal-organiżmi selvaġġi huwa importanti għall-UE. Appoġġa l-indirizzar ta' kwistjonijiet relatati mal-ġeneru b'mod effettiv. Iftaħ għall-esplorazzjoni ta' alternattivi oħra biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni Konf. 19.3 dwar il-Ġeneru u l-kummerċ internazzjonali fil-fawna u l-flora selvaġġi.	(+)
26.	**Network Globali taż-Żgħażagħ tas-CITES** CoP20 Dok. 26	Iċ-Ċina, il-Costa Rica, il-Ghana, il-Kuwajt, il-Filippini, Singapore, l-Afrika t'Isfel, is-Sudan, iż-Żambja, iż-Żimbabwe	Appoġġa l-emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 17.5.	+
27.	**L-involviment tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali** CoP20 Dok. 27	SC	Ilqa' l-gwida mhux vinkolanti bħala bażi tajba għal diskussjoni ulterjuri, filwaqt li tenfasizza li dan l-involviment jiġi indirizzat l-aħjar fil-livell nazzjonali. Appoġġa r-rakkomandazzjonijiet b)–d). Dwar ir-rakkomandazzjoni a) l-ebda pożizzjoni.	0
28.	**Abbozz ta' riżoluzzjoni dwar il-ħolqien ta' Sottokumitat konsultattiv tal-Kumitat Permanenti tan-Nies li jgħixu viċin l-ispeċijiet tal-Fawna u l-Flora inklużi fl-Appendiċi tas-CITES (PLFF), Fond Volontarju relatat, u l-proċeduri tagħhom** CoP20 Dok. 28	Iż-Żimbabwe	Tappoġġax l-istabbiliment tas-sottokumitat propost.	—
29.	**Għajxien**			
	29.1 Rapport tal-Kumitat Permanenti CoP20 Dok. 29.1	SC	Appoġġa t-tħassir fir-Riżoluzzjoni Konf. 16.6; tappoġġax ir-referenza għas-sitt strateġiji; appoġġa b'mod kundizzjonali elementi magħżula ta' ċerti abbozzi ta' deċiżjonijiet b'emendi biex jallinjaw mal-mandat tas-CITES; appoġġa t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati rilevanti.	(-)

Nru	Punt fl-aġenda		Proponent [1]	Kummenti	Pożizzjoni
	29.2	Dokument miż-Żambja CoP20 Dok. 29.2	Iż-Żambja	Tappoġġax l-emendi għar-Riżoluzzjoni Conf. 16.6 u t-tixrid tal-gwida.	—
30.	**L-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tal-għajxien u tas-sigurtà tal-ikel fl-implimentazzjoni tas-CITES** CoP20 Dok. 30		Iż-Żimbabwe	Tappoġġax l-abbozz ta' riżoluzzjoni, li jmur lil hinn mill-mandat tas-CITES.	—
31.	**Tnaqqis fid-domanda** għall-ġlieda kontra l-kummerċ illegali CoP20 Dok. 31		SC	Appoġġa l-abbozzi ta' deċiżjonijiet u t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 19.55 sa 19.57.	+
Riżoluzzjonijiet u Deċiżjonijiet Eżistenti					
32.	**Rieżami tar-Riżoluzzjonijiet** CoP20 Dok. 32		Seg.	Appoġġa l-emendi tar-Riżoluzzjonijiet u l-abbozz ta' deċiżjoni.	+
33.	**Rieżami tad-Deċiżjonijiet** CoP20 Dok. 33		Seg.	Appoġġa l-emendi għar-Riżoluzzjoni, it-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati u ż-żamma tad-Deċiżjoni 19.71 sa 19.73 dwar il-palisandri, l-ebanu u l-injam daqħmi tal-Madagascar u 17.256 dwar il-pappagalli griżi Afrikani.	(+)
Konformità					
34.	**Drittijiet nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni** CoP20 Dok. 34		Seg.	Appoġġa r-rakkomandazzjoni a) biex jiġu adottati l-abbozzi ta' deċiżjonijiet li jinsabu fl-Anness 1, u c) biex jitħassru d-Deċiżjonijiet 19.58 sa 19.62. Tappoġġax ir-rakkomandazzjoni 38 b) dwar il-pubblikazzjoni tal-Gwida u tissuġġerixxi rieżami tal-Gwida mill-Kumitat Permanenti.	(+)

Nru	Punt fl-aġenda		Proponent [1]	Kummenti	Pożizzjoni
35.	**Kwistjonijiet ta' konformità**				
	35.1	Implimentazzjoni tal-Artikolu XIII u tar-Riżoluzzjoni Konf. 14.3 (Rev. CoP19) dwar il-proċeduri ta' konformità tas-CITES CoP20 Dok. 35.1	Seg.	Appoġġa b'mod ġenerali r-rakkomandazzjonijiet peress li l-ewwel valutazzjoni hija pożittiva iżda huma meħtieġa aktar analiżijiet.	(+)
	35.2	Rieżami tal-Proċess Nazzjonali tal-Pjanijiet ta' Azzjoni dwar l-Avorju CoP20 Dok. 35.2	SC	Appoġġa l-emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 10.10 u l-abbozz ta' deċiżjoni. Appoġġa t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 19.68 sa 19.70.	+
	35.3	Totoaba (*Totoaba macdonaldi*) CoP20 Dok. 35.3	Seg.	Appoġġa l-abbozzi ta' deċiżjonijiet u t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati. Issuġġerixxi li tiżdied rakkomandazzjoni biex jitwettaq stħarriġ annwali viżiv dwar il-vaquita.	(+)
36.	**Rieżami tad-dispożizzjonijiet tar-Riżoluzzjoni Konf. 17.7 (Rev. CoP19) dwar ir-*Rieżami tal-kummerċ fl-eżemplari tal-annimali rrapportati bħala mrobbija fil-magħluq*** CoP20 Dok. 36		SC	Appoġġa d-deċiżjoni u l-emendi proposti tar-Riżoluzzjoni. Konf. 17.7. Appoġġa t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 19.63 sa 19.65.	+
37.	**Pussess ta' eżemplari tal-ispeċijiet inklużi fl-Appendiċi I** CoP20 Dok. 37		SC.	Tappoġġax ir-rakkomandazzjonijiet a) u b) peress li jmorru kontra l-Artikolu VIII tal-Konvenzjoni. Appoġġa emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 8.4 u t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati.	(-)
Kummerċ illegali u infurzar					
38.	**Rieżami tar-Riżoluzzjoni Konf. 11.3** (Rev. CoP19) *dwar il-Konformità u l-infurzar* CoP 20 Dok. 38		SC	Appoġġa l-emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 11.13 u t-tħassir tad-deċiżjoni implimentata.	+

Nru	Punt fl-aġenda	Proponent [1]	Kummenti	Pożizzjoni
39.	**Kwistjonijiet ta' infurzar** CoP20 Dok. 39	Seg.	B'mod ġenerali appoġġa r-rakkomandazzjonijiet.	(+)
40.	**Appoġġ għall-infurzar kontra l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi fl-Afrika tal-Punent u fl-Afrika Ċentrali** CoP20 Dok. 40	SC	Appoġġa l-abbozzi tad-deċiżjonijiet kif emendati mis-Segretarjat u t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati.	+
41.	**Task Force dwar il-Qtates il-Kbar tas-CITES** CoP20 Dok. 41	SC	Appoġġa l-abbozz ta' deċiżjonijiet u t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 19.92 u 19.93.	+
42.	**Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ta' prijorità mir-rieżami tal-Programm ETIS** CoP20 Dok. 42	SC	Appoġġa b'mod ġenerali t-tiġdid tad-Deċiżjonijiet 19.94 sa 19.96 u l-adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni oriġinali (mhux kif emendat mis-Segretarjat). Madankollu, tista' tkun meħtieġa xi modifika biex jiġi żgurat approċċ koerenti għad-dokumenti kollha relatati mal-ETS, filwaqt li jitqiesu wkoll il-kummenti mis-Segretarjat.	(+)
43.	**Kategorizzazzjoni tal-ETIS tal-Partijiet** CoP20 Dok. 43	SC	Appoġġa b'mod ġenerali l-adozzjoni tal-kriterji li għandhom jintużaw fl-Istadju 1 il-paragrafu a) tal-Linji Gwida għall-Proċess tal-NIAP. Madankollu, jista' jkun meħtieġ xi rfinar ulterjuri għall-kriterji u l-kjarifiki, speċjalment biex tiġi żgurata n-natura vinkolanti tal-kriterji. Barra minn hekk, ara li l-informazzjoni kuntestwali tintuża wkoll bħala parti mill-proċess ta' kategorizzazzjoni peress li bħalissa mhix inkluża fir-rakkomandazzjonijiet. Il-kriterji ta' esklużjoni fil-paragrafu 13 a) huma skaduti u għandhom jiġu aġġornati hekk: "Il-kriterji ta' esklużjoni ggwidati mill-aħħar data aġġornata tal-ETIS rieżaminata mill-MIKE-ETIS TAG, għandhom jiġu applikati għall-analiżijiet tal-ETIS."	(+)
44.	**Sekwestri tal-avorju** u swieq domestiċi tal-avorju CoP20 Dok. 44	SC	Appoġġa t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 19.99 sa 19.101.	+
45.	Kummerċ illegali fiċ-**ċiti** (*Acinonyx jubatus*) CoP20 Dok. 45	SC	Appoġġa l-abbozzi ta' deċiżjonijiet u t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati.	+

Nru	Punt fl-aġenda		Proponent ([1])	Kummenti	Pożizzjoni
46.	**Fkieren tal-baħar** (*Cheloniidae spp. u Dermochelyidae spp.*) CoP20 Dok. 46		SC	Appoġġa l-emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 19.5. Appoġġa t-tħassir tad-deċiżjoni implimentata.	+
47.	**Fkieren tal-art u fkieren tal-ilma ħelu** (*Testudines spp.*)				
	47.1	Rapport tal-Kumitat Permanenti u tas-Segretarjat CoP20 Dok. 47.1		Appoġġa b'mod ġenerali l-adozzjoni tal-emenda għar-Riżoluzzjoni Konf. 11.9 (Rev. CoP18) u appoġġa t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 19.123 sa 19.127. Appoġġa b'mod ġenerali l-verżjoni riveduta u konsolidata tal-abbozzi ta' deċiżjonijiet kif imħejjija mis-Segretarjat fid-dokument 47.2 taħt il-Kummenti tas-Segretarjat.	(+)
	47.2	Kummerċ fil-fkieren tal-art u l-fkieren tal-ilma ħelu mill-Madagascar CoP20 Dok. 47.2	UE	Appoġġa l-verżjoni riveduta u konsolidata tal-abbozzi ta' deċiżjonijiet kif imħejjija mis-Segretarjat taħt il-Kummenti tas-Segretarjat.	+
Ir-Regolament dwar il-kummerċ					
48.	Proposta biex tiġi emendata r-**Riżoluzzjoni Konf. 12.3** (Rev. CoP19) CoP20 Dok. 48			Tappoġġax l-emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 12.3. L-emendi joħolqu proċeduri ta' piż addizzjonali u jaffettwaw id-drittijiet tal-Partijiet li jistabbilixxu miżuri domestiċi aktar stretti.	—
49.	**Sejbiet fir-rigward tal-akkwist legali** CoP20 Dok. 49		Seg. fuq talba tal-SC	Tappoġġax ir-rakkomandazzjoni 24 c) peress li l-linji gwida ma jistgħux jiġu appoġġati fil-forma attwali tagħhom. B'mod partikolari, it-terminu "stokk fundatur", jekk jitqies meħtieġ mill-Partijiet, ser jirrikjedi definizzjoni xierqa permezz ta' emenda għar-Riżoluzzjoni (jiet) rilevanti qabel ma jiġi inkluż fil-linji gwida. Appoġġa l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet u l-emendi proposti tal-Annessi 1 u 3 tar-Riżoluzzjoni Konf. 18.7 kif propost skont ir-rakkomandazzjoni 24 a) u b). Appoġġa t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati, kif propost skont ir-rakkomandazzjoni 24 d).	(-)

Nru	Punt fl-aġenda	Proponent [1]	Kummenti	Pożizzjoni
50.	**Sejbiet mhux ta' detriment** CoP20 Dok. 50	AC, PC	Appoġġa l-adozzjoni tal-abozz tad-deċiżjonijiet proposti u t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati.	+
51.	**Sejbiet mhux detrimentali** għal eżemplari tal-ispeċijiet tal-Appendiċi II meħuda minn żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali CoP20 Dok. 51	SC	Appoġġa l-adozzjoni tal-abbozzi ta' deċiżjonijiet u t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati. Madankollu, innota li mhux possibbli li jiġi appoġġat l-abbozz ta' deċiżjoni 20.BB fid-Dok. 52.	(+)
52.	**Introduzzjoni mill-baħar** CoP20 Dok. 52	SC	Appoġġa l-adozzjoni tal-abbozzi ta' deċiżjonijiet minbarra 20BB (bidliet għar-Riżoluzzjoni Konf. 14.6). Fir-rigward tal-abbozz ta' deċiżjoni 20BB, opponi l-ftuħ mill-ġdid tar-riżoluzzjoni. Appoġġa t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati.	(+)
53.	Materjali għall-**identifikazzjoni** ta' eżemplari tal-ispeċijiet elenkati fis-CITES CoP20 Dok. 53	AC, PC	Appoġġa d-deċiżjonijiet u t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati.	+
54.	**Identifikazzjoni tal-injam** u ta' prodotti oħra tal-injam CoP20 Dok. 54	SC	Appoġġa r-reviżjonijiet għad-Deċiżjonijiet 19.146 sa 19.148 u l-abbozz il-ġdid tad-Deċiżjoni 20.AA.	+
55.	**Kodiċijiet tal-iskop tat-tranżazzjoni** CoP20 Dok. 55	SC	Appoġġa l-mandat iżda tappoġġax id-definizzjoni proposta tal-kodiċi "P".	(-)
56.	**Sistemi elettroniċi** u teknoloġiji tal-informazzjoni u awtentikazzjoni u kontroll tal-permessi			

Nru	Punt fl-aġenda		Proponent [1]	Kummenti	Pożizzjoni
	56.1	Rapport tal-Kumitat Permanenti CoP20 Dok. 56.1	SC	Appoġġa l-abbozzi ta' deċiżjonijiet u t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati. Madankollu, id-deċiżjonijiet iridu jiġu kkoordinati mal-emendi proposti fid-Dok. 56.2. Appoġġa l-proposta tas-Segretarjat tas-CITES li jiġi emendat il-paragrafu 3 d) fir-Riżoluzzjoni Conf. 12.3 (REV CoP19) dwar il-Permessi u ċ-Ċertifikati billi tiżdied referenza għal-Linji Gwida dwar l-użu ta' barcodes bidimensjonali (2D) fuq permessi/ċertifikati tas-CITES.	(+)
	56.2	Mudell ta' hub għall-iskambju tal-permessi tas-CITES CoP20 Dok. 56.2	Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja, l-Irlanda ta' Fuq, l-Iżvizzera	Appoġġa l-emendi għad-deċiżjonijiet, inkluż il-bidliet editorjali kif proposti mis-Segretarjat tas-CITES. Żgura li l-valutazzjoni tal-fattibbiltà u l-għażliet bl-użu ta' mudell ta' hub tqis il-hubs reġjonali eżistenti jew hubs bħal dawn kif ser ikunu jeżistu qabel ma l-hub globali tas-CITES ikun jista' jibda jopera.	+
57.	Rieżami tar-**Riżoluzzjoni Konf. 8.13** (REV. CoP17) dwar l-*Użu ta' impjanti ta' mikroċipep kodifikati għall-immarkar ta' annimali ħajjin fil-kummerċ* CoP20 Dok. 57		SC	Appoġġa l-abbozzi ta' deċiżjonijiet inkluż iż-żieda "soġġett għal riżorsi esterni" kif propost mis-Segretarjat.	+
58.	Valutazzjoni tar-riskju u analiżi għall-**kontroll fuq il-fruntieri** tal-ispeċijiet elenkati fis-CITES CoP20 Dok. 58		SC	Appoġġa l-adozzjoni tal-gwida; jekk ma jiġux adottati, appoġġa t-tiġdid tad-Deċiżjonijiet 19.153–19.155 biex tippermetti l-finalizzazzjoni.	+
59.	**Stokkijiet u ħażniet** CoP20 Dok. 59		SC	Appoġġa l-emendi għar-Riżoluzzjonijiet. Tappoġġax l-abbozz tad-definizzjoni ta' "ħażniet" sakemm ma titneħħiex ir-referenza għal "maħżuna legalment" u tiżdied il-frażi "… miżmuma minn mużewijiet, istituzzjonijiet xjentifiċi…". Appoġġa biss parti waħda mill-bidla għad-definizzjoni proposta mis-Segretarjat. L-ispeċifikazzjoni tal-obbligi partikolari għall-ħażniet miżmuma mill-gvern hija aċċettabbli. Iż-żieda "u meta speċifikat f'Riżoluzzjoni jew Deċiżjoni, [ħażniet] miżmuma privatament" ma għandhiex tiġi adottata.	(+)

Nru	Punt fl-aġenda		Proponent ([1])	Kummenti	Pożizzjoni
60.	**Trasport** ta' kampjuni ħajjin CoP20 Dok. 60		SC	Appoġġa t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati 19.158 u 19.159. Tinżamm pożizzjoni miftuħa rigward l-abbozz ta' deċiżjoni 20.AA.	0
61.	**Moviment rapidu** tal-kampjuni dijanjostiċi tal-organiżmi selvaġġi u tal-istrumenti mużikali CoP20 Dok. 61		SC	Appoġġa l-abbozz ta' deċiżjonijiet proposti iżda żgura li l-implimentazzjoni tagħhom tkun kundizzjonali fuq id-disponibbiltà tar-riżorsi. Appoġġa t-tħassir tad-Deċiżjoni 19.160.	(+)
62.	Eżemplari prodotti permezz tal-**bijoteknoloġija** CoP20 Dok. 62		SC	Appoġġa t-tiġdid tad-Deċiżjonijiet 19.161 sa 19.163.	+
63.	Definizzjoni tat-terminu "**destinazzjonijiet xierqa u aċċettabbli**" CoP20 Dok. 63		SC f'konsultazzjoni mal-President tal-AC	Appoġġa t-tiġdid tad-Deċiżjonijiet 19.164 sa 19.166.	+
64.	**Rimi ta' eżemplari kkonfiskati**				
	64.1	Rapport tal-**Kumitat Permanenti** CoP20 Dok. 64.1	SC	Appoġġa l-emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 17.8 u ż-żamma tad-deċiżjonijiet rilevanti u t-tħassir tad-deċiżjonijiet impimentati.	+
	64.2	Rieżami tar-**Riżoluzzjoni Konf. 17.8** (Rev. CoP19) CoP20 Dok. 64.2	Il-Kenja	Tappoġġax il-proposta fil-forma attwali tagħha. Il-proposta fir-rigward kemm tat-terminoloġija kif ukoll tat-trasferiment tal-annimali lill-istituzzjonijiet tar-riċerka teħtieġ analiżi u diskussjoni bir-reqqa, li x'aktarx ma tkunx possibbli fil-CoP20.	(-)
	64.3	Reġistru volontarju tal-faċilitajiet ta' tqegħid għall-eżemplari ħajjin ikkonfiskati CoP20 Dok. 64.3	In-Niġerja u l-Istati Uniti tal-Amerka	Tappoġġax il-proposta peress li għandha konsegwenzi negattivi għall-konservazzjoni u l-infurzar tal-ispeċijiet.	—

Nru	Punt fl-aġenda		Proponent [1]	Kummenti	Pożizzjoni
65.	**Sistema ta' tikkettar għall-kummerċ fil-kavjar** CoP20 Dok. 65		SC	Appoġġa t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati.	+
66.	**Kummerċ fil-qroll ġebli**				
	66.1	Rapport tal-**Kumitat Permanenti** CoP20 Dok. 66.1	SC	Appoġġa l-emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 11.10 u Riżoluzzjoni Konf. 9.6. Fir-rigward tad-Deċiżjoni 19.178 indirizzata lill-SC, issuġġerixxi l-involviment tal-AC. Issuġġerixxi li fil-CoP20 jenħtieġ li titqies l-inklużjoni ta' unità ta' rapportar addizzjonali biex jiġu rreġistrati mhux biss l-għadd iżda wkoll id-daqs tal-qroll ħaj individwali.	(+)
	66.2	**Kummerċ fil-qroll ġebli mkabbar b'mod asesswali** CoP20 Dok. 66.2	L-Awstralja	Appoġġa l-emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 11.10 (REV. CoP15), inkluż definizzjonijiet ġodda għall-qroll imkabbar b'mod asesswali riprodott u kkultivat fil-maġħluq.	+
Eżenzjonijiet u dispożizzjonijiet speċjali dwar il-kummerċ					
67.	**Rieżami tad-dispożizzjonijiet tas-CITES relatati mal-kummerċ fl-eżemplari tal-annimali u l-pjanti mhux ta' oriġini selvaġġa**				
	67.1	Rapport tal-Kumitat Permanenti CoP20 Dok. 67.1	SC	Appoġġa l-abbozzi ta' deċiżjonijiet u t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati	+
	67.2	Kunsiderazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet għat-trobbija tal-ispeċijiet akkwatiċi CoP 20 Dok. 67.2	Il-Messiku, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Istati Uniti tal-Amerka	Appoġġa l-abbozzi tad-deċiżjonijiet. Madankollu, l-ambitu tal-ħidma fuq din il-kwistjoni jenħtieġ li jitwessa' lil hinn mill-ispeċijiet akkwatiċi.	(+)

Nru	Punt fl-aġenda	Proponent [1]	Kummenti	Pożizzjoni
68.	Rieżami tar-**Riżoluzzjoni Konf. 12.10** (Rev. CoP15) dwar ir-*Reġistrazzjoni ta' operazzjonijiet li jinsslu speċijiet ta' annimali miżmuma fil-magħluq tal-Appendiċi I għal skopijiet kummerċjali* CoP20 Dok. 68	SC	Appoġġa l-emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 12.10 filwaqt li tipproponi xi emendi għaċ-ċarezza u biex jiġu riflessi aħjar l-eżiti tad-diskussjonijiet fl-SC u fl-AC. Appoġġa t-tħassir tad-deċiżjoni implimentata.	(+)
69.	Gwida dwar it-terminu **"propagat artifiċjalment"** CoP20 Dok. 69	PC	Appoġġa l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet u t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati.	+
70.	L-**Użu ta' ċertifikati fitosanitarji** bħala ċertifikati ta' propagazzjoni artifiċjali CoP20 Dok. 70	President tal-SC f'konsultazzjoni mal-President tal-PC u mas-Seg.	Tappoġġax peress li l-informazzjoni hija aġġornata, u ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni biex il-kwistjoni tiġi eżaminata aktar.	—
Konservazzjoni u kummerċ tal-ispeċijiet				
71.	**Valutazzjoni tal-ispeċijiet elenkati fl-Appendiċi I** CoP20 Dok. 71	AC, PC	Appoġġa t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati.	+
72.	**Identifikazzjoni tal-informazzjoni dwar l-ispeċijiet f'riskju ta' estinzjoni affettwati mill-kummerċ internazzjonali** CoP20 Dok. 72	SC	Appoġġa d-deċiżjonijiet u t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati.	+
73.	**Kummerċ fi speċijiet endemiċi** CoP20 Dok. 73	Il-Brażil u l-Ekwador	Tappoġġax l-abbozzi tad-deċiżjonijiet 20.AA, 20.BB u 20.CC kif propost mill-proponenti. Jekk ikun hemm appoġġ ġenerali fost il-Partijiet għall-istudju, l-abbozzi tad-deċiżjonijiet 20.BB u 20.CC, kif abbozzati mill-ġdid mis-Segretarjat (innumerati mill-ġdid għal 20.AA u 20.BB rispettivament), jistgħu jiġu appoġġati, dment li jiġu emendati aktar. B'mod partikolari, l-emendi għandhom jiffukaw fuq it-tnaqqis tal-kamp ta' applikazzjoni tal-istudju għall-impatt reali tal-kummerċ fuq l-ispeċijiet endemiċi u l-iżgurar li l-istudju jeżamina kemm in-naħa tad-domanda kif ukoll dik tal-provvista, inklużi l-prattiki fis-seħħ fil-pajjiżi ta' oriġini. Barra minn hekk, id-duplikazzjonijiet ma' proċessi oħra, b'mod partikolari dwar il-LAF (bħal fid-Dokument 49), għandhom jiġu evitati.	(-)

Nru	Punt fl-aġenda	Proponent [1]	Kummenti	Pożizzjoni
Fawna				
74.	**Avultuni tal-Afrika tal-Punent** (*Accipitridae spp.*) CoP20 Dok. 74	SC	Appoġġa d-deċiżjonijiet riveduti.	+
75.	**Konservazzjoni tal-amfibji** (*Amphibia spp.*) CoP20 Dok. 75	AC f'konsultazzjoni mal-President tal-SC	Appoġġa d-deċiżjonijiet, filwaqt li possibbilment teskludi d-Deċiżjoni 20.BB (b) (l-iżvilupp ta' tabella tal-fatturi tal-konverżjoni) bħala mhux assolutament meħtieġa.	(+)
76.	**Iljunfanti** (*Elephantidae spp.*)			
76.1	Implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni Konf. 10.10 (Rev. CoP19) dwar il-***Kummerċ fl-eżemplari tal-iljunfanti*** CoP20 Dok. 76.1	SC	Appoġġa b'mod ġenerali l-maġġoranza tar-rakkomandazzjonijiet fid-dokument. Madankollu, ara li jkun hemm sejħa biex jiġi żgurat finanzjament konsistenti għall-ETIS billi ma titħassarx ir-rakkomandazzjoni 19.36 u tiġi inkluża s-sostenibbiltà finanzjarja u operazzjonali tal-MIKE u tal-ETIS kif previst fir-Riżoluzzjoni 10.10.	(+)
76.2	Aspetti dwar l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni Konf. 10.10 (Rev. CoP19) dwar l-għeluq tas-**swieq domestiċi tal-avorju** CoP20 Dok. 76.2	Il-Burkina Faso, l-Etjopja, in-Niġer u s-Senegal	Tappoġġax ir-rakkomandazzjonijiet. Diġà hemm fis-seħħ proċeduri xierqa biex jiġu identifikati l-Partijiet affettwati mill-kummerċ illegali tal-avorju. Barra minn hekk, l-abbozz rivedut propost tad-Deċiżjoni 18.118 mhuwiex meħtieġ peress li d-data tal-ETIS hija disponibbli online u l-Partijiet diġà għandhom aċċess għall-aggregati. Kif ukoll, id-deċiżjonijiet indirizzati lill-Partijiet jidhru li jqisu biss il-Partijiet li wieġbu għan-Notifika rilevanti. Pożizzjoni li għandha tiġi kkunsidrata fir-rigward tad-dokumenti ta' ħidma 44 u 76.1.	—
76.3	**Stokkijiet u ħażniet tal-avorju** Cop20 Dok. 76.3	Il-Burkina Faso, l-Etjopja, il-Kenja, in-Niġer, in-Niġerja u s-Senegal	Appoġġa l-emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 10.10 żgura l-konsistenza mad-deċiżjonijiet li għandhom jiġu adottati taħt il-punt 76.1 tal-aġenda. Ħassar id-deċiżjonijiet 18.184-18.185 u 19.156 peress li l-ammont ta' xogħol tas-Segretarjat jeħtieġ li jiġi kkunsidrat u jqis il-proċessi eżistenti AITR, gwida dwar ir-rapport Annwali dwar il-Kummerċ Illegali u l-ETIS.	(-)

Nru	Punt fl-aġenda		Proponent [1]	Kummenti	Pożizzjoni
	76.4	Rapport dwar il-Monitoraġġ tal-Qtil Illegali tal-Iljunfanti (**MIKE**) CoP20 Dok. 76.4	Seg.	*Ma hi meħtieġa l-ebda deċiżjoni*	
	76.5	Rapport dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Kummerċ fl-Iljunfanti (**ETIS**) CoP20 Dok. 76.5		Appoġġa r-rakkomandazzjonijiet. Madankollu, ara li tiġi inkluża l-kontinwazzjoni tal-analiżi tan-network tal-ETIS. It-tħassir ta' 20.AA bħala skambju bejn ir-Rapport Annwali dwar il-Kummerċ Illegali u l-ETIS diġà qed jiġi indirizzat.	(+)
	76.6	Riżultati tal-**laqgħa ta' djalogu dwar l-iljunfanti Afrikani** CoP20 Dok. 76.6	SC	Appoġġa t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 19.167 u 19.168 u ilqa' l-eżitu tal-Laqgħa ta' Djalogu. Appoġġa d-deċiżjonijiet li ġew miftiehma mill-maġġoranza tal-Istati taż-żoni ta' distribuzzjoni. Żgura li jkunu allinjati d-deċiżjonijiet dwar il-punti 44, 76.6 u 76.7 tal-aġenda.	(+)
	76.7	**Finanzjament sostenibbli** għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-iljunfanti Afrikani CoP20 Dok. 76.7	Iż-Żimbabwe	Appoġġa l-proposta jekk tkun appoġġata mill-maġġoranza tal-istati taż-żoni ta' distribuzzjoni. Żgura li l-pożizzjoni tkun allinjata ma' dik tal-punt fuq l-aġenda 76.6.	(+)
77.	**Qtates kbar Ażjatiċi** (*Felidae spp.*)				
	77.1	**Implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni Konf. 12.5** (Rev. CoP19) dwar il-*Konservazzjoni tat-tigri u ta' speċijiet oħra ta' qtates kbar Ażjatiċi tal-Appendiċi I u l-kummerċ fihom* CoP20 Dok. 77.1	Seg.	Appoġġa t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati jew li qed jiġu inkorporati fid-dokument ta' eżitu tat-Task Force dwar il-Qtates il-Kbar tas-CITES u r-Riżoluzzjoni Konf. 12.5 (Rev. CoP 19).	+

Nru	Punt fl-aġenda		Proponent [1]	Kummenti	Pożizzjoni
	77.2	Qtates kbarAżjatiċi miżmuma fil-**magħluq** CoP20 Dok. 77. 2	SC	Appoġġa b'mod ġenerali l-abbozzi ta' deċiżjonijiet u t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati. Opponi l-proposta tas-Segretarjat tas-CITES li titħassar id-deċiżjoni 14.69. Ippproponi emendi għad-Deċiżjoni 20.AA sabiex ma teskludix minn qabel operazzjonijiet ta' tnissil iżgħar, u żid "programmi" sabiex jiġu speċifikati aħjar l-attivitajiet ta' tnissil għall-konservazzjoni f'20.AA a) u biex tiġi inkluża referenza għall-"qerda tal-karkassi" fi tmiem il-paragrafu 20.AA f). Issuġġerixxi li tiżdied referenza għad-deċiżjoni li għadha kif ġiet proposta dwar il-kummerċ illegali fil-qtates kbar (20. AA fid-dok. CoP20 Dok. 41) biex jiġi implimentat bis-sħiħ id-dokument ta' eżitu tat-Task Force dwar il-Qtates il-Kbar tas-CITES.	(+)
78.	Xadini kbar (*Hominidae spp.*)				
	78.1	Rapport tal-**Kumitat Permanenti** CoP20 Dok. 78.1	SC	*Ma hi meħtieġa l-ebda deċiżjoni*	
	78.2	Il-Konservazzjoni tax-**xadini kbar ħajjin u l-kummerċ** tagħhom CoP20 Dok. 78.2	L-Uganda	Appoġġa d-deċiżjonijiet.	+
79.	**Pangolini** (*Manis spp.*)				
	79.1	Implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni Konf. 17.10 (REV. CoP19) dwar il-*Konservazzjoni tal-pangolini u l-kummerċ fihom* CoP20 Dok. 79.1		Appoġġa r-rakkomandazzjoni a) u c) iżda kkunsidra t-tisħiħ tal-lingwa fl-abbozzi tad-deċiżjonijiet fir-rakkomandazzjoni b) u l-ħtieġa li jiġu żviluppati rakkomandazzjonijiet marbuta biż-żmien u li jistgħu jitkejlu diretti lejn Partijiet speċifiċi eż. fi grupp ta' ħidma matul is-sessjoni.	(+)
	79.2	Rapport dwar id-Deċiżjonijiet 18.238, 18.239 u 19.200 sa 19.204 CoP20 Dok. 79.2	SC f'konsultazzjoni mal-President tal-AC u mas-Seg.	Appoġġa l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet u t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati.	+
80.	**Iljuni tal-Afrika** (*Panthera leo*) CoP20 Dok. 80		SC f'konsultazzjoni mal-President tal-AC	Appoġġa d-deċiżjonijiet riveduti; madankollu, ippproponi emendi għad-deċiżjonijiet rilevanti biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tad-data skaduta dwar il-popolazzjoni jew tal-lakuni fid-data f'dik il-kwistjoni.	(+)

Nru	Punt fl-aġenda		Proponent [1]	Kummenti	Pożizzjoni
81.	**Ġagwars** (*Panthera onca*) CoP20 Dok. 81			Appoġġa dokument b'emendi żgħar.	(+)
82.	Gwida dwar **sejbiet mhux detrimentali għall-kummerċ fit-trofej tal-kaċċa għal-leopard** (*Panthera pardus*) CoP20 Dok. 82		AC	Appoġġa d-deċiżjonijiet riveduti; madankollu, hija meħtieġa valutazzjoni ulterjuri. Ippproponi kliem addizzjonali biex tiġi appoġġata l-kondiviżjoni ta' informazzjoni mal-pajjiżi importaturi.	(+)
83.	Il-ġestjoni tal-kummerċ u l-konservazzjoni tal-**passeriformi** (*Passeriformes spp.*) CoP20 Dok. 83		SC f'konsultazzjoni mal-President tal-AC	Appoġġa t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati. Issuġġerixxi deċiżjonijiet ġodda biex jiġi żgurat li r-riżultati tal-workshop jiġu segwiti.	(+)
84.	**Rinoċeronti** (*Rhinocerotidae spp.*) CoP20 Dok. 84			Appoġġa r-rakkomandazzjonijiet biex tinżamm id-Deċiżjoni 18.116. Appoġġa l-adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjonijiet dwar ir-Rinoċeronti. Appoġġa t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 19.115 sa 19.122.	+
85.	**Antilop Saiga** (*Saiga spp.*)				
	85.1	Rapport tas-**Segretarjat** CoP20 Dok. 85.1	Seg.	Appoġġa d-deċiżjonijiet. Issuġġerixxi li tiżdied talba lill-istati taż-żoni ta' distribuzzjoni u lill-Partijiet importaturi biex jipprovdu informazzjoni dwar l-għadd ta' ħażniet, il-volum tal-ħażniet, u l-provenjenza tal-eżemplari tal-antilopi mneħirhom minfuħ miżmuma fil-ħażniet. Skont l-adozzjoni tal-proposta għall-elenkar 3, issuġġerixxi Deċiżjonijiet addizzjonali li jippermettu l-valutazzjoni tal-impatti tal-kummerċ fuq il-popolazzjonijiet tas-saiga u l-miżuri ta' kontroll fis-seħħ.	(+)
	85.2	Dokumenti tal-Każakistan u tal-Federazzjoni Russa CoP20 Dok. 85.2	Il-Każakistan u l-Federazzjoni Russa	Appoġġa d-dokument. Madankollu, fittex kjarifika mis-Segretarjat jekk il-proposta tirriżultax f'ammont ta' xogħol addizzjonali għas-Segretarjat.	(+)

Nru	Punt fl-aġenda	Proponent [1]	Kummenti	Pożizzjoni
Speċijiet akkwatiċi				
86.	**Speċijiet akkwatiċi** elenkati fl-Appendiċi tas-CITES CoP20 Dok. 86	SC	Appoġġa t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati.	+
87.	**Sallur** (*Anguilla spp.*) CoP20 Dok. 87	SC	Appoġġa t-test tar-riżoluzzjoni, filwaqt li tfittex possibiltajiet biex tissaħħaħ aktar, speċjalment fir-rigward tal-miżuri ta' infurzar. Madankollu, id-deċiżjoni 20DD b) *"esplora għażliet biex tiffaċilita d-detezzjoni bejn is-sallur Ewropew imqajjem fl-akkwakultura u s-sallur selvaġġ Ewropew fid-data kummerċjali tas-CITES."* ma tistax tiġi appoġġata.	(+)
88.	**Klieb il-baħar u raj** (*Elasmobranchii spp.*)			
	88.1 Rapport tal-**Kumitat Permanenti** CoP20 Dok. 88.1	SC	Appoġġa d-deċiżjonijiet u l-emendi tar-Riż. Konf. 18.7. Appoġġa t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati.	+
	88.2 Abbozz ta' deċiżjonijiet dwar il-kummerċ, il-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-**elażmobranki tal-fond** CoP20 Dok. 89.2	L-UE, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq	*Dokument sottomess mill-UE*	+
89.	**Żwiemel il-baħar** (*Hippocampus spp.*) CoP20 Dok. 89	SC f'konsultazzjoni mal-President tal-AC	Appoġġa l-abbozzi ta' deċiżjonijiet u t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati. Madankollu, hija meħtieġa valutazzjoni ulterjuri ladarba l-kalkoli tal-kostijiet ikunu disponibbli.	(+)
90.	Il-konservazzjoni tal-**bużżi** (*Holothuridae u Stichopodidae*) u l-kummerċ fihom CoP20 Dok. 90	L-Istati Uniti tal-Amerka	Appoġġa l-abbozzi tad-deċiżjonijiet	+
91.	**Bronja reġina** (*Strombus gigas*) CoP20 Dok. 91	AC f'konsultazzjoni mal-President tal-SC	Appoġġa t-tiġdid tad-deċiżjonijiet.	+
92.	**Ħut ornamentali tal-baħar** CoP20 Dok. 92	AC	Appoġġa l-abbozzi ta' deċiżjonijiet u t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati.	+

Nru	Punt fl-aġenda	Proponent [1]	Kummenti	Pożizzjoni
Flora				
93.	**Tassonomiji li jipproduċu l-injam tal-agar** (*Aquilaria spp.* u *Gyrinops spp.*) CoP20 Dok. 93	SC	Appoġġa l-emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 16.10 u t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati.	+
94.	**Siġar tal-Boswellia** (*Boswellia* spp.) CoP20 Dok. 94	PC	Appoġġa l-abbozzi ta' deċiżjonijiet u t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati. Tappoġġax l-emendi magħquda tas-Segretarjat għall-abbozz ta' deċiżjoni 20.WW u 20.XX biex jidderieġu dan l-abbozz ta' deċiżjoni għal laqgħa tal-istati taż-żoni ta' distribuzzjoni Boswellia spp. L-abbozzi tad-deċiżjonijiet kif inhuma mingħajr l-emendi tas-Segretarjat huma l-kunsens involut u dettaljat mid-diskussjonijiet fi ħdan il-grupp ta' ħidma Boswellia u l-plenarja tal-Kumitat tal-Pjanti, li ma llimitawx il-laqgħa għall-Istati ta' Medda biss.	(+)
95.	**Speċijiet ta' siġar tal-injam dagħmi** [*Leguminosae* (*Fabaceae*)] CoP20 Dok. 95	PC f'konsultazzjoni mal-President tal-SC	Appoġġa l-abbozzi ta' deċiżjonijiet u t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati.	+
96.	**Prodotti li fihom eżemplari tal-orkidi tal-Appendiċi II** (*Orchidaceae spp.*) CoP20 Dok. 96	SC	Ippproponi t-tħassir tal-abbozzi tad-Deċiżjonijiet 20.BB a) u b), 20.CC a) u 20DD a). Appoġġa t-tħassir tad-Deċiżjonijiet implimentati.	(+)
97.	**Injam tal-Brażil (Brazilwood)** (*Paubrasilia echinata*) CoP20 Dok. 97	Seg. f'konsultazzjoni mal-President tal-SC	Appoġġa l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet u t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati. Jista' jkun meħtieġ li t-test jiġi adattat skont id-deċiżjoni tal-CoP dwar il-proposta għall-elenkar 46.	(+)
98.	**Speċijiet ta' siġar Afrikani** CoP20 Dok. 98	PC	Appoġġa t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati.	+

Nru	Punt fl-aġenda	Proponent [1]	Kummenti	Pożizzjoni
99.	**Speċijiet ta' siġar neotropikali** CoP20 Dok. 99	PC	Appoġġa t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati.	+
100.	Il-kummerċ fl-**ispeċijiet tal-pjanti mediċinali u aromatiċi** CoP20 Dok. 100	SC	Appoġġa l-abbozzi ta' deċiżjonijiet u t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati.	+
Faqqiegħ				
101.	**Ir-riżoluzzjoni tal-implimentazzjoni tad-deċiżjoni CoP12 li l-Konvenzjoni tapplika għall-fungi** (*korrezzjoni tal-kontroreferenzi fl-abbozzi ta' deċiżjonijiet*) CoP20 Dok. 101(Rev. 1)	Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq	Appoġġa l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet.	+
Appendiċi tal-Konvenzjoni				
102.	Filwaqt li jitqies il-**kriterju "tax-xebh"** fl-Anness 2B A tar-Riżoluzzjoni Konf. 9.24 (Rev. CoP17) dwar il-*Kriterji għall-emendar tal-Appendiċi I u II* CoP10 Dok. 102	Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq	Tappoġġax id-deċiżjonijiet kif proposti fid-dokument. Fil-każ biss li maġġoranza ċara tal-partijiet tappoġġa l-proposta, issuġġerixxi minflok li l-kwistjoni tiġi diskussa mill-AC u l-PC, minflok ma jinbeda proċess biex tiġi żviluppata linja gwida.	—
Annotazzjonijiet				
103.	**Annotazzjonijiet** CoP20 Dok. 103	SC	Appoġġa l-emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 10.13, it-Taqsima tal-Interpretazzjoni tal-Appendiċi. Appoġġa d-deċiżjoni proposta u t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati.	+
104.	**Annotazzjoni #15** CoP20 Dok. 104 A3: Rapport dwar l-impatt tal-eżenzjonijiet tas-CITES għad-Dalbergia u l-Guibourtia	Seg. f'konsultazzjoni mal-Viċi President tal-SC	Tappoġġax ir-rakkomandazzjoni a) u b). Appoġġa r-rakkomandazzjoni c) u d). L-Annotazzjoni hija implimentata b'mod attiv, turi li hija effettiva u l-eżenzjonijiet għandhom impatt baxx fuq il-konservazzjoni.	—

Nru	Punt fl-aġenda	Proponent [1]	Kummenti	Pożizzjoni
105.	**Implikazzjonijiet tat-trasferiment ta' speċi minn Appendiċi għal oħor**			
	105.1. **Rapport tas-Segretarjat fuq talba tal-Kumitat Permanenti** CoP20 Dok. 105.1	Seg. fuq talba tal-SC	Appoġġa r-rakkomandazzjoni skont 11. a) b'żieda mal-"ABBOZZ TA' GWIDA" fl-Anness 2 taħt il-paragrafu 15 b) i) dwar id-dokumenti li jistgħu jservu bħala prova tal-esportazzjoni. Appoġġa d-Deċiżjoni 20.AA fl-Anness I b'xi emendi. Appoġġa t-Tħassir tad-Deċiżjoni 18.151 (rev CoP19).	(+)
	105.2. **L-iffaċilitar tal-kummerċ legali u l-użu sostenibbli matul perjodi ta' tranżizzjoni** CoP20 Dok. 105.2	L-Istati Uniti tal-Amerka	Tappoġġax emendi għar-Riżoluzzjoni 12.3 peress li l-permessi ta' qabel il-Konvenzjoni ma jistgħux jinħarġu qabel ma tiġi elenkata speċi, u permessi jew ċertifikati retrospettivi ma jistgħux jinħarġu qabel ma tiġi elenkata speċi. Appoġġa emendi għar-Riżoluzzjoni 13.6, filwaqt li nnota li l-kunċett ta' "akkwist eċċessiv" mhuwiex definit u li din il-limitazzjoni tista' ma tkunx konformi mal-liġijiet nazzjonali.	(-)
106.	**Sistema ta' informazzjoni għall-kummerċ fl-eżemplari tal-ispeċijiet tas-siġar elenkati fis-CITES** CoP20 Dok. 106	SC	Appoġġa t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati rilevanti.	+
107.	**Mekkaniżmu informali ta' rieżami tal-annotazzjonijiet eżistenti u proposti** CoP20 Dok. 107	SC	Appoġġa l-abbozzi ta' deċiżjonijiet u t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati.	+
108.	**Eżemplari tal-orkidej eżentati permezz tal-annotazzjoni #4 g** CoP20 Dok. 108	SC	Appoġġa l-abbozzi ta' deċiżjonijiet filwaqt li tinsisti fuq tikkettar ċar.	+
109.	**Annotazzjoni ta' Cape aloe** (*Aloe ferox*) CoP20 Dok. 109	PC	Appoġġa t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati.	+

Nru	Punt fl-aġenda	Proponent [1]	Kummenti	Pożizzjoni
Kwistjonijiet tan-nomenklatura				
110.	**Nomenklatura standard** CoP20 Dok. 110	AC, PC	Appoġġa b'mod ġenerali xi modifiki meħtieġa għall-"ġeneri tal-basla" u għall-allinjament ma' deċiżjonijiet oħra meħuda mill-CoP.	(+)
111.	**Nomenklatura tal-listi fl-Appendiċi III** CoP20 Dok. 111	SC	Appoġġa l-emendi għar-riżoluzzjonijiet u t-tħassir tad-deċiżjonijiet. Żid talba espliċita biex is-Segretarjat jinforma lill-Partijiet affettwati mill-bidliet.	(+)
112.	**Listi ta' unitajiet tassonomiċi ogħla fl-Appendiċi** CoP20 Dok. 112	Seg.	Appoġġa l-emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 12.11 u t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati rilevanti.	+
113.	**Tassonomija u nomenklatura tal-iljunfanti Afrikani** (*Loxodonta* spp.) CoP20 Dok. 113	Seg. fuq talba tal-SC	Appoġġa d-deċiżjonijiet fir-rakkomandazzjoni b) u l-emendi tar-Riżoluzzjoni Konf. 10.10 u t-tħassir tad-deċiżjonijiet implimentati. Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni a) hija meħtieġa informazzjoni ulterjuri; għandhom jintalbu l-fehmiet tal-istati taż-żoni ta' distribuzzjoni.	(+)
Proposti biex jiġu emendati l-Appendiċi				
114.	Proposti biex jiġu emendati l-Appendiċi I u II			
	114.1 Il-valutazzjoni tas-Segretarjat tal-proposti biex jiġu emendati l-Appendiċi I u II			
	114.2 Kummenti mill-Partijiet			
	114.3 Kummenti minn persuni statutorji kkonsultati			

([1]) Seg. = Is-Segretarjat tas-CITES
SC = Il-Kumitat Permanenti
AC = Il-Kumitat dwar l-Annimali
PC = Il-Kumitat dwar il-Pjanti

2. **PROPOSTI GĦALL-ELENKAR**

Nru.	Unità tassonomika / Dettall	Proposta	Proponent	Kummenti	Pożizzjoni
FAWNA – MAMMALIA					
1.	*Damaliscus pygargus pygargus* (Bontebok)	II – 0 Ħassar mill-Appendiċi II	L-Afrika t'Isfel	Appoġġa l-proposta għat-tneħħija tad-*Damaliscus pygargus pygargus* mill-Appendiċijiet tas-CITES peress li l-ispeċi ma għadhiex tissodisfa l-kriterji għall-Appendiċi II. Madankollu, innota t-theddid nazzjonali kontinwu għall-ispeċijiet mill-ibridazzjoni u t-telf u l-frammentazzjoni tal-ħabitats u ħeġġeġ lill-Afrika t'Isfel tkompli ssaħħaħ il-miżuri rilevanti inkluż l-iżvilupp ta' pjan ta' ġestjoni tal-metapopolazzjoni.	+
2.	*Gazella dorcas* (Għażżiela dorcas)	0 – II Inkludi fl-Appendiċi II	Il-Benin, il-Burkina Faso, il-Mali, il-Mauritania, in-Niġer, in-Niġerja, is-Senegal, is-Sudan, it-Tuneżija	Appoġġa l-proposta jekk il-proposta tkun appoġġata wkoll minn stadji tal-medda mhux proponenti.	(+)

Nru.	Unità tassonomika / Dettall	Proposta	Proponent	Kummenti	Pożizzjoni
3.	*Saiga tatarica* (Antilop imnieħru minfuħ)	Emenda l-annotazzjoni billi żżid il-kliem ħlief għall-eżemplari mill-popolazzjoni tas-Saiga tatarica tal-Każakistan	Il-Każakistan	Irrikonoxxi s-suċċess fil-konservazzjoni u t-tkabbir sinifikanti tal-popolazzjoni KZ u aqbel fil-prinċipju li l-kummerċ regolat sew x'aktarx ma jkunx ta' detriment għall-popolazzjoni. Madankollu, huma meħtieġa aktar salvagwardji biex jiġi żgurat li l-kummerċ fil-qrun ikun sostenibbli, ġestit tajjeb u ma jirriżultax fil-ħasil ta' kampjuni akkwistati illegalment minn popolazzjonijiet oħra. Għalhekk, il-proposta tista' tiġi appoġġata biss jekk tkun limitata għal bejgħ ta' darba ta' qrun diġà maħżun u mmarkat kif xieraq li joriġina mill-Każakistan, bil-kundizzjoni li ssir verifika minn qabel mis-Segretarjat, f'konsultazzjoni mal-Kumitat Permanenti, li jkun hemm fis-seħħ biżżejjed mekkaniżmi ta' kontroll fil-Każakistan, bl-opzjoni li jitwaqqaf il-kummerċ f'każ ta' nonkonformità jew impatti detrimentali ppruvati tal-kummerċ fuq il-popolazzjonijiet selvaġġi. Il-pajjiżi importaturi għandhom jistabbilixxu wkoll mekkaniżmi ta' kontroll adegwati. Żid rekwiżiti ta' rapportar permezz ta' deċiżjonijiet addizzjonali fid-WD 85.1 biex jiġu vvalutati l-impatti kummerċjali fuq il-popolazzjonijiet selvaġġi, inkluż l-impatt fuq popolazzjonijiet iżgħar fi stati ta' firxa oħra anke ta' *Saiga borealis*, u jekk il-mekkaniżmi ta' kontroll fil-Każakistan u fil-pajjiżi konsumaturi ewlenin humiex robusti biżżejjed biex jipprevjenu l-ħasil u l-lakuni għall-kummerċ illegali.	(-)

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2437/oj

Nru.	Unità tassonomika / Dettall	Proposta	Proponent	Kummenti	Pożizzjoni
4.	*Giraffa camelopardalis* (Ġiraffa)	Ħassar il-popolazzjonijiet tal-Angola, il-Botswana, l-Eswatini, il-Malawi, il-Mozambique, in-Namibja, l-Afrika t'Isfel u ż-Żimbabwe mill-Appendiċi II	In-Namibja, l-Afrika t'Isfel, ir-Repubblika Magħquda tat-Tanzanija, iż-Żimbabwe	Il-popolazzjonijiet fl-istati taż-żoni ta' distribuzzjoni rilevanti għall-proposta juru xejra pożittiva u mhumiex meqjusa bħala mhedda mill-kummerċ. Madankollu, huma meħtieġa informazzjoni u analiżi ulterjuri, speċjalment fir-rigward tal-impatt tal-proposta dwar l-infurzar tal-elenkar għal popolazzjonijiet oħra. Barra minn hekk, jeħtieġ li jitqiesu l-bidliet reċenti fit-tassonomija tal-ġeneru.	0
5.	*Okapia johnstoni* (Okapi)	0 – I Inkludi fl-Appendiċi I	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo	Il-kriterji bijoloġiċi huma ssodisfati. Għandha tintalab aktar informazzjoni dwar l-ambitu tal-kummerċ internazzjonali mingħand il-proponent.	(+)
6.	*Hyaena hyaena* (Jena bl-istrixxi)	0 – I Inkludi fl-Appendiċi I	Iżrael, it-Taġikistan	Il-proposta ma turix li l-ispeċi tissodisfa l-kriterji għall-elenkar tal-Appendiċi I.	—
7.	*Arctocephalus townsendi* (Foka muswafa ta' Guadeloupe)	I – II Ittrasferixxi mill-Appendiċi I għall-Appendiċi II	Il-Messiku, l-Istati Uniti tal-Amerka	Il-proposta turi li l-ispeċi ma għadhiex tissodisfa l-kriterji tal-Appendiċi I.	+
8.	*Monachus tropicalis* (Bumerin tal-Karibew)	I – 0 Ħassar mill-Appendiċi I	Il-Messiku, l-Istati Uniti tal-Amerka	Il-proposta turi li l-ispeċi ma għadhiex tissodisfa l-kriterji għall-elenkar tas-CITES. L-ispeċi hija estinta.	+

Nru.	Unità tassonomika / Dettall	Proposta	Proponent	Kummenti	Pożizzjoni
9.	*Ceratotherium simum simum* (Rinoċeronte xufftejh kwadri tan-Nofsinhar)	Emenda l-annotazzjoni tal-popolazzjoni taċ-*Ceratotherium simum simum* tan-Namibja elenkata fl-Appendiċi II għall-iskop esklużiv li jkun permess kummerċ internazzjonali: (a) fl-annimali ħajjin għall-konservazzjoni *in situ* biss; (b) fit-trofej tal-kaċċa; u (c) fil-kummerċ fl-istokkijiet tal-qrun tar-rinoċeronti li huma proprjetà tal-Gvern u tas-sidien tal-artijiet privati li joriġinaw mill-Istat (esklużi l-qarn ikkonfiskat tar-rinoċeronte u l-qrun ta' oriġini mhux magħrufa tar-rinoċeronti); soġġett għal dan li ġej: (i) stokkijiet irreġistrati mal-Gvern biss; (ii) qrun b'ċertifikati RHODIS biss; (iii) esklużivament għas-sħab kummerċjali li jkunu ġew ivverifikati mis-Segretarjat, f'konsultazzjoni mal-Kumitat Permanenti, bħala li għandhom biżżejjed leġiżlazzjoni nazzjonali u kontrolli kummerċjali domestiċi; u (iv) mhux qabel ma s-Segretarjat ikun ivverifika l-pajjiżi importaturi prospettivi u l-istokkijiet irreġistrati. L-eżemplari l-oħrajn kollha għandhom jitqiesu li huma eżemplari tal-ispeċijiet inklużi fl-Appendiċi I u l-kummerċ fihom għandu jiġi rregolat kif xieraq.	In-Namibja	Il-proposta ma għandiex tiġix appoġġata sakemm il-kamp ta' applikazzjoni ma jitnaqqasx b'mod sinifikanti, b'mod partikolari billi jiġi eskluż il-kummerċ fil-qarn tar-rinoċeronte, u jiżdiedu salvagwardji addizzjonali għall-kummerċ fl-annimali ħajjin. L-appoġġ huwa kontinġenti fuq l-introduzzjoni mill-ġdid tal-frażi "Annimali ħajjin għall-konservazzjoni *in situ* biss, u biss fi ħdan l-ispeċi naturali u l-medda storika taċ-*Ceratotherium simum* fl-Afrika".	(-)

Nru.	Unità tassonomika / Dettall	Proposta	Proponent	Kummenti	Pożizzjoni
10.	*Diceros bicornis* (Rinoċeronte iswed)	Ittrasferixxi l-popolazzjoni tad-*Diceros bicornis bicornis* tan-Namibja mill-Appendiċi I għall-Appendiċi II bl-annotazzjoni li ġejja: Għall-iskop esklużiv li jkun permess il-kummerċ fil-qarn irreġistrat tar-rinoċeronte, sħiħ jew f'biċċiet, soġġett għal dan li ġej: (i) stokk proprjetà tal-Gvern irreġistrat biss, li joriġina fl-Istat (esklużi l-qrun ikkonfiskati tar-rinoċeronte u l-qrun ta' oriġini mhux magħrufa tar-rinoċeronte); (ii) qrun b'ċertifikati RHODIS biss; (iii) esklużivament għas-sħab kummerċjali li jkunu ġew ivverifikati mis-Segretarjat, f'konsultazzjoni mal-Kumitat Permanenti, bħala li għandhom biżżejjed leġiżlazzjoni nazzjonali u kontrolli kummerċjali domestiċi; (iv) mhux qabel ma s-Segretarjat ikun ivverifika l-pajjiżi importaturi prospettivi u l-istokkijiet irreġistrati; u (v) ir-rikavati minn dan il-kummerċ jintużaw esklużivament għall-konservazzjoni tar-rinoċeronti u għall-programmi għall-iżvilupp tal-komunità fiż-żona fejn jimirħu r-rinoċeronti jew biswitha. L-eżemplari l-oħrajn kollha għandhom jitqiesu li huma eżemplari tal-ispeċijiet inklużi fl-Appendiċi I u l-kummerċ fihom għandu jiġi rregolat kif xieraq.	In-Namibja	Tappoġġax il-proposta peress li tirriżulta fil-ftuħ tal-kummerċ internazzjonali fil-qrun tar-rinoċeronti.	—

Nru.	Unità tassonomika / Dettall	Proposta	Proponent	Kummenti	Pożizzjoni
11.	*Choloepus didactylus* *Choloepus hoffmanni* (Bugħażżien didattilu ta' Hoffman)	0 – II Inkludi fl-Appendiċi II	Il-Brażil, il-Costa Rica, il-Panama	Il-kriterji għall-elenkar ma jidhrux li ġew issodisfati. Itlob informazzjoni addizzjonali dwar il-miżuri nazzjonali ta' protezzjoni u l-firxa tal-kummerċ internazzjonali fi *Choloepus hoffmanni* u l-impatt tiegħu fuq il-popolazzjonijiet selvaġġi. Jekk informazzjoni addizzjonali tappoġġa l-inklużjoni ta' *Choloepus hoffmanni* fl-Appendiċi II, *Choloepus didactylus* għandu jiġi inkluż skont l-Anness 2b tar-Riżoluzzjoni Conf. 9.24 (Rev. CoP17).	0
12.	*Cercocebus chrysogaster* (Mangabej żaqqu dehbiena)	II – I Ittrasferixxi mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo	Il-proposta turi li l-ispeċi tissodisfa l-kriterji tal-Appendiċi I.	+
13.	*Loxodonta africana* (Iljunfant Afrikan)	Biex in-Namibja tkun tista' tinnegozja fi stokkijiet irreġistrati tal-avorju mhux maħdum (nejbiet sħaħ u f'biċċiet) li joriġinaw min-Namibja, li huma proprjetà tal-Gvern tar-Repubblika tan-Namibja, għal skopijiet kummerċjali ma' sħab kummerċjali li jkunu ġew ivverifikati mis-Segretarjat tas-CITES bħala li jkollhom biżżejjed leġiżlazzjoni nazzjonali u kontrolli tal-kummerċ domestiku. Dan jiżgura li l-avorju importat min-Namibja ma jiġix esportat mill-ġdid u jiġi ġestit skont ir-rekwiżiti kollha tar-Riżoluzzjoni Konf. 10.10 dwar manifattura u kummerċ domestiċi. Barra minn hekk, biex in-Namibja tkun tista' tikseb l-istatus sħiħ tal-Appendiċi II għall-iljunfanti tagħha, kif previst fl-Artikolu IV tal-Konvenzjoni, u b'hekk tippermetti l-kummerċ regolat u legali fil-prodotti tal-iljunfanti tan-Namibja, inkluż l-avorju.	In-Namibja	Tappoġġax il-proposta peress li tirriżulta fil-ftuħ tal-kummerċ internazzjonali fl-avorju.	—

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2437/oj

Nru.	Unità tassonomika / Dettall	Proposta	Proponent	Kummenti	Pożizzjoni
14.	*Loxodonta africana* (Iljunfant Afrikan)	Emenda l-annotazzjoni A10 dwar il-popolazzjonijiet tal-iljunfanti tal-Botswana, in-Namibja, l-Afrika t'Isfel u ż-Żimbabwe biex jiġu armonizzati l-kundizzjonijiet tal-kummerċ fl-iljunfanti Afrikani ħajjin (test imħassar ikun jidher ~~ingassat~~u test imdaħħal ikun jidher sottolinjat): Għall-iskop esklużiv li jiġi permess: (a) kummerċ fit-trofej tal-kaċċa għal skopijiet mhux kummerċjali; (b) il-kummerċ fl-annimali ħajjin għal destinazzjonijiet xierqa u aċċettabbli ~~kif iddefiniti fir-Riżoluzzjoni bir-referenza Conf. 11.20 (Rev. CoP18) għall-Botswana u għaż-Żimbabwe u għall-programmi ta' konservazzjoni *in situ* għan-Namibja u għall-Afrika t'Isfel~~; (c) kummerċ fil-ġlud; (d) kummerċ fix-xagħar; (e) il-kummerċ fil-prodotti tal-ġilda ~~għal finijiet kummerċjali jew mhux kummerċjali għall-Botswana, għan-Namibja u għall-Afrika t'Isfel u għal skopijiet mhux kummerċjali għaż-Żimbabwe~~; (f) kummerċ għal skopijiet mhux kummerċjali fl-ekipas immarkati u ċċertifikati individwalment inkorporati f'ġojjellerija lesta ~~għal skopijiet mhux kummerċjali~~ għan-Namibja u fit-tinqix fl-avorju ~~għal skopijiet mhux kummerċjali~~ għaż-Żimbabwe;	Il-Botswana, il-Kamerun, il-Kosta tal-Avorju, in-Namibja, iż-Żimbabwe	Il-proposta hija waħda mill-eżiti tal-Laqgħa ta' Djalogu tas-CITES dwar l-istati taż-żoni ta' distribuzzjoni tal-iljunfanti Afrikani li saret mit-23 sas-26 ta' Settembru 2024 fil-Botswana. Appoġġa l-proposta jekk tkun appoġġata mill-maġġoranza tal-istati taż-żoni ta' distribuzzjoni fl-Afrika.	(+)

Nru.	Unità tassonomika / Dettall	Proposta	Proponent	Kummenti	Pożizzjoni
		(g) ~~kummerċ f'avorju mhux maħdum irreġistrat (għall-Botswana, in-Namibja, l-Afrika t'Isfel u ż-Żimbabwe, neġbiet sħaħ u f'biċċiet) soġġett għal li ġej:~~ (i) ~~stokkijiet proprjetà tal-gvern irreġistrati biss, li joriġinaw fl-Istat (minbarra avorju konfiskat jew avorju ta' oriġini mhux magħrufa);~~ (ii) ~~biss għal imsieħba kummerċjali li ġew ivverifikati mis-Segretarjat, b'konsultazzjoni mal-Kumitat Permanenti, li għandhom leġiżlazzjoni nazzjonali sufiċjenti u kontrolli kummerċjali domestiċi sabiex jiżguraw li l-avorju impurtat ma jiġix esportat mill-ġdid u jkun ġestit f'konformità mar-rekwiżiti kollha tar-Riżoluzzjoni Konf. 10.10 (Rev. CoP18) dwar manifattura u kummerċ domestiċi;~~ (iii) ~~il-kummerċ ma jsirx qabel ma s-Segretarjat ikun ivverifika l-pajjiżi prospettivi tal-importazzjoni u l-istokkijiet irreġistrati li jkunu proprjetà tal-gvern;~~ (iv) ~~avorju mhux maħdum skont il-bejgħ kundizzjonali ta' stokkijiet tal-avorju tal-gvern irreġistrati maqbula f'CoP12 li huma 20 000 kg (il-Botswana), 10 000 kg (in-Namibja), u 30 000 kg (l-Afrika t'Isfel);~~			

Nru.	Unità tassonomika / Dettall	Proposta	Proponent	Kummenti	Pożizzjoni
		(v) ~~flimkien mal-kwantitajiet maqbula fCoP12, l-avorju tal-gvern mill-Botswana, in-Namibja, l-Afrika t'Isfel u ż-Żimbabwe irreġistrat sal-31 ta' Jannar 2007 u vverifikat mis-Segretarjat jista' jiġi kkumerċjalizzat u ttrasportat, mal-avorju fil-paragrafu g) iv) hawn fuq f'bejgħ uniku għal kull destinazzjoni taħt superviżjoni stretta tas-Segretarjat;~~ (vi) ~~id-dħul mill-kummerċ jintuża biss għall-konservazzjoni tal-iljunfanti u għall-Programmi komunitarji tal-konservazzjoni u tal-iżvilupp fiż-żona fejn jimirħu l-iljunfanti jew maġenbha; u~~ (vii) ~~il-kwantitajiet addizzjonali speċifikati fil-paragrafu g) v) hawn fuq għandhom jiġu kkummerċjalizzati biss wara li l-Kumitat Permanenti jkun qabel li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet imsemmija fuq; u~~ (h) ~~l-ebda proposta ulterjuri li tippermetti l-kummerċ fl-avorju tal-iljunfanti minn popolazzjonijiet diġà fl-Appendiċi II m'għandha titressaq lill-Konferenza tal-Partijiet għall-perjodu minn CoP14 u li jispiċċa disa' snin mid-data tal-bejgħ uniku tal-avorju li għandu jseħħ skont id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu g) i), g) ii), g) iii), g) vi) u g) vii). Barra minn hekk, kull proposta oħra ta' dan it-tip għandha tiġi ttrattata skont id-Deċiżjonijiet 16.55 u 14.78 (Rev. CoP16).~~			

Nru.	Unità tassonomika / Dettall	Proposta	Proponent	Kummenti	Pożizzjoni
		~~Fuq proposta mis Segretarjat, i~~Il-Kumitat Permanenti jista' jiddeċiedi li jwaqqaf dan il-kummerċ parzjalment jew għalkollox fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mill-pajjiżi esportaturi jew importaturi, jew fil-każ ta' impatti ta' detriment ippruvati tal-kummerċ fuq popolazzjonijiet oħra tal-iljunfanti. L-eżemplari l-oħrajn kollha għandhom jitqiesu li huma eżemplari tal-ispeċijiet inklużi fl-Appendiċi I u l-kummerċ fihom għandu jiġi rregolat kif xieraq.			
FAWNA – AVES					
15.	*Bycanistes spp.* *Ceratogymna spp.*	0 - II Inkludi fl-Appendiċi II	Il-Kamerun, il-Kongo, il-Gabon, in-Niġer, in-Niġerja, is-Senegal, Sierra Leone, it-Togo	L-ispeċijiet jissodisfaw il-kriterji tal-Appendiċi II.	+
16.	*Gyps africanus* (Avultun dahru abjad) *Gyps rueppelli* (Avultun ta' Ruppell)	II – I Ittrasferixxi mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I	Il-Benin, il-Burkina Faso, il-Burundi, il-Kamerun, iċ-Chad, il-Kongo, il-Gambja, il-Guinea, in-Niġer, in-Niġerja, is-Senegal, Sierra Leone, it-Togo	L-ispeċijiet jissodisfaw il-kriterji tal-Appendiċi I.	+
17.	*Falco peregrinus* Falco peregrinus (Bies)	I – II Ittrasferixxi mill-Appendiċi I għall-Appendiċi II	Il-Kanada, l-Istati Uniti tal-Amerka	Għalkemm il-popolazzjoni turi xejra li qed tiżdied u l-biċċa l-kbira tal-kummerċ x'aktarx li jibqa' f'eżemplari mrobbija fil-magħluq, it-tniżżil fil-lista tal-Appendiċi II jista' jwassal għal domanda akbar għal għasafar maqbuda mis-selvaġġ u b'hekk potenzjalment jhedded il-popolazzjonijiet fis-selvaġġ. Il-proposta tista' possibilment tiġi appoġġata jekk tkun akkumpanjata minn kwota ta' esportazzjoni żero għall-eżemplari maqbuda mis-selvaġġ.	(-)

Nru.	Unità tassonomika / Dettall	Proposta	Proponent	Kummenti	Pożizzjoni
18.	*Sporophila angolensis* *Sporophila atrirostris* *Sporophila crassirostris* *Sporophila funerea* *Sporophila maximiliani* *Sporophila nuttingi* (Għasfur tal-għana munqaru kbir)	Inkludi s-Sporophila maximiliani fl-Appendiċi I u inkludi s-Sporophila angolensis, is-Sporophila atrirostris, is-Sporophila crassirostris, is-Sporophila funerea u s-Sporophila nuttingi fl-Appendiċi II	Il-Brażil	L-ispeċijiet jissodisfaw il-kriterji għall-elenkar fl-Appendiċi I u II, kif propost rispettivament.	+
FAWNA – REPTILIA					
19.	*Caribicus warreni* (Gremxula ġganta tal-Haiti)	0 - I Inkludi fl-Appendiċi I	Ir-Repubblika Dominicana	Issuġġerixxi l-elenkar fl-Appendiċi II bi kwota żero u stieden lir-Repubblika Dominicana telenka l-*Caribicus anelpistus* u l-*Caribicus darlingtoni* fl-Appendiċi III.	(+)
20.	*Phyllurus amnicola* (Wiżgħa denbha wiesa' tal-Muntanja Elliot)	III - II Inkludi fl-Appendiċi II	L-Awstralja	Appoġġa l-proposta peress li l-kriterji għall-elenkar jidhru li ġew issodisfati. Il-kummerċ internazzjonali jikkonsisti prinċipalment f'eżemplari mrobbija fil-magħluq.	+
21.	*Phyllurus caudiannulatus* (Wiżgħa denbha rqiq annulari)	III - II Inkludi fl-Appendiċi II	L-Awstralja	Il-kummerċ fl-ispeċi huwa meqjus bħala estremament rari.	0
22.	*Amblyrhynchus* spp. (Igwana tal-baħar tal-Galapagos)	II - I Ittrasferixxi mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I	L-Ekwador	Tappoġġax peress li l-kriterji għall-elenkar ma jidhrux li ġew issodisfati.	0

Nru.	Unità tassonomika / Dettall	Proposta	Proponent	Kummenti	Pożizzjoni
23.	*Conolophus spp.* (Igwana tal-art tal-Galapagos)	II - I Ittrasferixxi mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I	L-Ekwador	Appoġġa l-proposta abbażi tal-approċċ prekawzjonarju u l-indikazzjoni tad-domanda internazzjonali għall-ispeċi.	(+)
24.	*Bitis harenna* (Lifgħa tal-muntanji tal-Etjopja) *Bitis parviocula* (Lifgħa tal-Muntanji Bale)	0 - I Inkludi fl-Appendiċi I	L-Etjopja	Appoġġa peress li l-kriterji bijoloġiċi jidhru li ġew issodisfati għaż-żewġ speċijiet. *Bitis parviocula* magħruf li jinsab fil-kummerċ, madankollu ma ġiet żgurata l-ebda evidenza għall-kummerċ f'*Bitis harenna*.	(+)
25.	*Crotalus spp.* *Sistrurus spp.*	0 - II Inkludi fl-Appendiċi II	L-Istat Plurinazzjonali tal-(Bolivja), il-Messiku	Tappoġġax il-proposta peress li mhuwiex ċar jekk il-kriterji għall-elenkar humiex issodisfati għal *Crotalus ravus* u *Crotalus lepidus*. L-elenkar fl-Appendiċi III jista' jkun l-ewwel pass xieraq biex jinftiehmu x-xejriet kummerċjali fis-sriep rattiċi.	—
26.	*Kinixys homeana* (Fekruna taċ-ċappetta ta' Home)	II - I Ittrasferixxi mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I	Il-Kamerun, il-Guinea, in-Niġerja, it-Togo	Appoġġa peress li l-kriterji għall-elenkar tal-Appendiċi I jidhru li ġew issodisfati.	+
FAWNA – AMPHIBIA					
27.	*Pelophylax epeiroticus* *Pelophylax lessonae* *Pelophylax ridibundus* *Pelophylax shqipericus*	0 - II Inkludi fl-Appendiċi II (Id-dħul fis-seħħ biex jiġu inklużi fl-Appendiċi II jiddewwem bi 18-il xahar, jiġifieri sal-5 ta' Ġunju 2027.)	L-Unjoni Ewropea, Iżrael, il-Maċedonja ta' Fuq	Proposta tal-UE (pożizzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1314 tat-23 ta' Ġunju 2025)	

Nru.	Unità tassonomika / Dettall	Proposta	Proponent	Kummenti	Pożizzjoni
FAWNA – ELASMOBRANCHII (Klieb il-baħar)					
28.	*Carcharhinus longimanus* (Kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku)	II - I Ittrasferixxi mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I	L-Arġentina, il-Bahamas, il-Brażil, Comoros, ir-Repubblika Dominicana, l-Ekwador, l-Unjoni Ewropea, Fiġi, il-Gabon, il-Honduras, il-Libanu, l-Oman, il-Panama, is-Samoa, is-Senegal, is-Seychelles, is-Sri Lanka, is-Sudan, it-Togo, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq	Koproponent tal-UE (pożizzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1314 tat-23 ta' Ġunju 2025)	
29.	*Galeorhinus galeus* (Kelb il-baħar) *Mustelus spp*	0 - II Inkludi fl-Appendiċi II	Il-Brażil, l-Ekwador, l-Unjoni Ewropea, il-Panama, is-Senegal	Koproponent tal-UE (pożizzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1314 tat-23 ta' Ġunju 2025)	
30.	*Mobulidae spp*.	II - I Ittrasferixxi mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I	Il-Bahamas, il-Belize, il-Brażil, Comoros, ir-Repubblika Dominicana, l-Ekwador, Fiġi, il-Gabon, il-Ġamajka, il-Maldivi, il-Panama, is-Samoa, is-Senegal, is-Seychelles, is-Sudan, it-Togo	Appoġġa peress li l-kriterji għall-elenkar tal-Appendiċi I jidhru li ġew issodisfati.	+
31.	*Rhincodon typus* (Kelb balena)	II – I Ittrasferixxi mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I	L-Arġentina, il-Bahamas, il-Bangladesh, il-Belize, Comoros, ir-Repubblika Dominicana, l-Ekwador, Fiġi, il-Gabon, il-Maldivi, il-Panama, il-Filippini, is-Samoa, is-Senegal, is-Seychelles, is-Sri Lanka, it-Togo	Appoġġa peress li l-kriterji għall-elenkar tal-Appendiċi I jidhru li ġew issodisfati u l-elenkar ikun allinjat mal-protezzjoni skont il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi.	+

Nru.	Unità tassonomika / Dettall	Proposta	Proponent	Kummenti	Pożizzjoni
32.	*Glaucostegus spp.*	Żid l-annotazzjoni li ġejja: "Kwota annwali ta' esportazzjoni żero għall-eżemplari maqbuda mis-selvaġġ li jsir negozju fihom għal skopijiet kummerċjali"	Il-Bangladesh, il-Benin, il-Brażil, il-Burkina Faso, il-Burundi, Cabo Verde, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, Comoros, il-Kongo, il-Gabon, il-Gambja, il-Guinea, il-Guinea-Bissau, il-Maldivi, il-Mali, in-Niġer, in-Niġerja, il-Panama, Sierra Leone, is-Sudan, it-Togo	L-istabbiliment tal-kwota ta' esportazzjoni żero huwa ġġustifikat minħabba t-tnaqqis fl-ispeċi.	+
33.	*Rhinidae spp.* (Pixxifeles)	Żid l-annotazzjoni li ġejja: "Kwota annwali ta' esportazzjoni żero għall-eżemplari maqbuda mis-selvaġġ li jsir negozju fihom għal skopijiet kummerċjali"	Il-Bangladesh, il-Benin, il-Brażil, il-Burkina Faso, il-Burundi, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, Comoros, il-Kongo, il-Gabon, il-Gambja, il-Guinea, il-Guinea-Bissau, il-Maldivi, il-Mali, in-Niġer, in-Niġerja, il-Panama, is-Senegal, Sierra Leone, is-Sudan, it-Togo	L-istabbiliment tal-kwota ta' esportazzjoni żero huwa ġġustifikat minħabba t-tnaqqis fl-ispeċi.	+
34.	*Centrophoridae spp.*	Inkludi fl-Appendiċi II	Il-Brażil, Comoros, ir-Repubblika Dominicana, l-Ekwador, l-Unjoni Ewropea, il-Libanu, in-Niġerja, il-Panama, is-Senegal, ir-Repubblika Għarbija Sirjana, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq	Proposta tal-UE (pożizzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1314 tat-23 ta' Ġunju 2025)	
FAWNA – ACTINOPTERI					
35.	*Anguilla spp.*	0 – II Inkludi fl-Appendiċi II (Id-dħul fis-seħħ jiddewwem bi 18-il xahar, jiġifieri sal-5 ta' Ġunju 2027.)	L-Unjoni Ewropea, il-Honduras, il-Panama	Proposta tal-UE (pożizzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1314 tat-23 ta' Ġunju 2025)	

Nru.	Unità tassonomika / Dettall	Proposta	Proponent	Kummenti	Pożizzjoni
FAWNA – HOLOTHUROIDEA					
36.	*Actinopyga echinites* *Actinopyga lecanora* *Actinopyga mauritiana* *Actinopyga miliaris* *Actinopyga palauensis* *Actinopyga varians*	0 - II Inkludi fl-Appendiċi II	Unjoni Ewropea	Proposta tal-UE (pożizzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1314 tat-23 ta' Ġunju 2025)	
37.	*Holothuria lessoni* (Bużżu tar-ramel)	0 – II Inkludi fl-Appendiċi II	Unjoni Ewropea	Proposta tal-UE (pożizzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1314 tat-23 ta' Ġunju 2025)	
FAWNA – Arthropoda					
38.	*Acanthoscurria chacoana* *Acanthoscurria insubtilis* *Acanthoscurria musculosa* *Acanthoscurria theraphosoides* *Avicularia hirschii* *Avicularia rufa* *Avicularia avicularia* *Catumiri argentinense* *Cyriocosmus berate* *Cyriocosmus perezmilesi* *Grammostola rosea* *Hapalotremus albipes* *Holothele longipes* *Pamphobeteus antinous* *Umbyquyra acuminatum*	0 – II Inkludi fl-Appendiċi II	L-Arġentina, l-Istat Plurinazzjonali tal-(Bolivja), il-Panama	L-ispeċijiet ma jidhrux li jissodisfaw il-kriterji għall-elenkar. L-elenkar ta' xi wħud mill-ispeċijiet fl-Appendiċi III mill-Istati taż-żoni ta' distribuzzjoni jista' jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa dwar il-kummerċ ta' eżemplari selvaġġi u l-impatt tiegħu	(-)

Nru.	Unità tassonomika / Dettall	Proposta	Proponent	Kummenti	Pożizzjoni
FAWNA – MOLLUSCA					
39.	*Haliotis midae* (Widna tal-baħar tal-Afrika t'Isfel)	Inkludi l-popolazzjoni tal-Afrika t'Isfel fl-Appendiċi II bl-annotazzjoni "eżemplari mnixxfa biss"	L-Afrika t'Isfel	Il-kriterji għall-elenkar jidhru li ġew issodisfati. Madankollu, il-proposta tidher li mhijiex allinjata mat-test tal-Konvenzjoni.	—
FLORA					
40.	*Panax quinquefolius* (Ġinseng Amerikan)	Emenda l-annotazzjoni #3 biex jiġu eżentati l-prodotti lesti, ippakkjati u lesti għall-bejgħ bl-imnut, li huma għeruq imqatta' rqiq derivati mill-pjanti tal-*Panax quinquefolius* ippropagati artifiċjalment	L-Istati Uniti tal-Amerka	Tappoġġax il-proposta fil-forma attwali tagħha. L-emenda tista' tirriżulta f'riskju akbar ta' frodi li jinvolvi l-ispeċijiet selvaġġi. L-eżenzjoni proposta tista' tiġi infurzata/implimentata biss jekk tkun akkumpanjata minn rekwiżiti ċari tat-tikkettar li jindikaw is-sors minn propagazzjoni artifiċjali, jew minn dokumentazzjoni oħra tal-oriġini mill-kultivazzjoni. Konsegwentement, l-UE tista' tappoġġa l-kumment mis-Segretarjat fil-valutazzjoni tiegħu fid-dokument 114.1 tal-CoP20.	(-)
41.	*Jubaea chilensis* (Palma taċ-Ċilì)	0 – I Inkludi fl-Appendiċi I	Iċ-Ċilì	Appoġġa peress li l-kriterji għall-elenkar tal-Appendiċi I jidhru li ġew issodisfati.	+
42.	*Beaucarnea glassiana* *Beaucarnea glassiana* Beaucarnea hookeri (Palma tat-toppu)	Inkludi fl-Appendiċi II bħala parti mill-elenkar tal-ġeneru *Beaucarnea spp*.	Il-Messiku, l-Iżvizzera	Appoġġa peress li l-kriterji għall-elenkar tal-Appendiċi II jidhru li ġew issodisfati.	+
43.	*Commiphora wightii* (Bdellju Indjan)	0 - II Inkludi fl-Appendiċi II	Unjoni Ewropea	Proposta tal-UE (pożizzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1314 tat-23 ta' Ġunju 2025)	

Nru.	Unità tassonomika / Dettall	Proposta	Proponent	Kummenti	Pożizzjoni
44.	*Euphorbia bupleurifolia* (Tengħud tal-prinjola)	II - I Ittrasferixxi mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I	L-Afrika t'Isfel	Appoġġa peress li l-kriterji għall-elenkar tal-Appendiċi I jidhru li ġew issodisfati.	+
45.	*Afzelia bipindensis* (Afzelia ħamra)	Ħassar il-popolazzjonijiet tal-Kamerun, tar-Repubblika Ċentru-Afrikana, tal-Kongo, tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, tal-Guinea Ekwatorjali u tal-Gabon mill-Appendiċi II	Il-Burundi, il-Kamerun, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, il-Kongo, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Guinea Ekwatorjali, il-Gabon	L-ispeċi tkompli tissodisfa l-kriterji għall-elenkar tal-Appendiċi II.	—
46.	*Paubrasilia echinata* (Injam tal-Brażil)	II - I Ittrasferixxi mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I	Il-Brażil	Irrikonoxxi l-ħtieġa għat-tisħiħ tal-isforzi ta' konservazzjoni ta' Paubrasilia, filwaqt li tagħraf l-importanza ta' Paubrasilia għal strumenti mużikali. Fir-rigward tat-tħassib dwar ħażniet mhux irreġistrati, l-UE tista' potenzjalment tipproponi li l-Partijiet iridu jibagħtu informazzjoni aġġornata dwar il-ħażniet nazzjonali lis-Segretarjat tas-CITES qabel l-SC81 (tmiem l-2026) jew il-CoP21. L-elenkar fl-Appendiċi I kif propost oriġinarjament x'aktarx li ma jindirizzax il-problemi identifikati li jikkonċernaw il-kummerċ illegali. Potenzjalment appoġġa soluzzjoni fl-Appendiċi II, filwaqt li jissaħħu l-kontrolli u tingħata soluzzjoni għall-mużiċisti li jivvjaġġaw. Hija meħtieġa aktar ħidma qabel l-adozzjoni ta' proposta, li fiha huma meħtieġa aktar diskussjonijiet mal-proponent.	0
47.	*Pterocarpus soyauxii* Pterocarpus soyauxii (Padauk Afrikan)	Ħassar il-popolazzjonijiet tal-Angola, tal-Kamerun, tar-Repubblika Ċentru-Afrikana, tal-Kongo, tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, tal-Guinea Ekwatorjali u tal-Gabon mill-Appendiċi II	Il-Burundi, il-Kamerun, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, il-Kongo, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Guinea Ekwatorjali, il-Gabon	L-ispeċi tkompli tissodisfa l-kriterji għall-elenkar tal-Appendiċi II.	—

Nru.	Unità tassonomika / Dettall	Proposta	Proponent	Kummenti	Pożizzjoni
48.	*Aloe bergeriana* *Aloe jeppeae* *Aloe subspicata* *Aloe welwitschii*	Emenda l-elenkar tal-Aloe spp. fl-Appendiċi II biex jiġu inklużi wkoll l-erba' speċijiet li qabel kienu ttrattati fil-ġeneru mhux elenkat *Chortolirion*, iżda issa huma inklużi fit-taqsima *Aloe Chortolirion*, jiġifieri l-*Aloe bergeriana, l-Aloe jeppeae, l-Aloe subspicata,* u l-*Aloe welwitschia*	L-Afrika t'Isfel, l-Iżvizzera, iż-Żimbabwe	Appoġġa peress li l-kriterji għall-elenkar tal-Appendiċi II jidhru li ġew issodisfati.	+
49.	*Podocarpus parlatorei* (Podokarp ta' Parlatore)	I – II Ittrasferixxi mill-Appendiċi I għall-Appendiċi II	L-Arġentina	Tappoġġax sakemm ma tiġix ipprovduta d-data dwar il-popolazzjoni fil-Bolivja.	(-)
50.	*Avonia quinaria*	II – I Ittrasferixxi mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I	L-Afrika t'Isfel	Appoġġa peress li l-kriterji għall-elenkar tal-Appendiċi I jidhru li ġew issodisfati.	+
51.	*Aloe ferox* *Euphorbia antisyphilitica*	Emenda l-annotazzjoni #4 kif ġej: (f) prodotti lesti ppakkjati u lesti għall-kummerċ bl-imnut tal-*Aloe ferox* u tal-*Euphorbia antisyphilitica* ~~ppakkjati u lesti għall-kummerċ bl-imnut~~;	Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq	Appoġġa peress li l-emenda minuri tissimplifika u tikkjarifika t-test tal-annotazzjoni mingħajr ma tbiddel il-kamp ta' applikazzjoni jew it-tifsira.	+